

Brussell, 10 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10346/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0358 (COD)**

**TELECOM 301
COMPET 744
MI 605
DATAPROTECT 191
JAI 802
CODEC 1130**

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	9 ta' Ġunju 2026
lil:	Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.:	9684/26 + ADD 1
Nru dok. Cion:	15701/25 + ADD 1

Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju - Approċċ ġenerali
----------	--

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness it-test tal-approċċ ġenerali dwar il-Proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju, milħuq fil-laqgħa tal-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) tad-9 ta' Ġunju 2026.

Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar l-istabbiliment ta' Kartieri Ewropej tan-Negożju

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁽¹⁾,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tad-29 ta' Jannar 2025 "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE"⁽²⁾, il-Kummissjoni ħabbret li l-Kartieri Ewropej tan-Negożju, filwaqt li jibnu fuq il-Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali, ser jikkostitwixxu l-pedament biex in-negożju jsir b'mod sempliċi u diġitali fl-Unjoni, filwaqt li jipprovdu ambjent bla xkiel għall-kumpaniji biex jinteraġixxu mal-amministrazzjonijiet pubbliċi u jwettqu tranżazzjonijiet kummerċjali.

¹ ĠU C 365, 23.9.2022, p. 18.

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE", COM(2025) 30 final.

- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³) jistabbilixxi l-Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali u jintroduċi l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, li jippermettu lill-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju jaħżnu u jimmaniġġaw b'mod sigur l-identità diġitali u l-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi tagħhom, u jaċċessaw firxa wiesgħa ta' servizzi online. Il-Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali jinkludi servizzi fiduċjarji ġodda, inkluż il-ħruġ ta' attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi, u b'hekk itejjeb is-sigurtà u l-affidabbiltà tat-tranżazzjonijiet u tal-interazzjonijiet online.
- (3) Sabiex titrawwem ekonomija Ewropea kompetittiva u diġitali, u biex jiġi ffaċilitat in-negozju transfruntier, huwa neċessarju li jiġi stabbilit ambjent bla xkiel u sigur għall-interazzjoni diġitali fost l-operaturi ekonomiċi kif ukoll bejn dawk u l-korpi tas-settur pubbliku f'konfigurazzjonijiet differenti.
- (4) Sabiex jiġu żgurati l-interoperabbiltà, l-affidabbiltà u s-sigurtà tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, jenħtieġ li fejn xieraq japplikaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 u fir-regolamenti ta' implimentazzjoni sussegwenti stabbiliti skont dak ir-Regolament, kif ukoll l-iżviluppi fit-teknoloġija u fl-istandards u l-ħidma mwettqa abbażi tar-Rakkomandazzjoni (UE) 2021/946, u b'mod partikolari l-Arkitettura u l-Qafas ta' Referenza, filwaqt li l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament jieħdu preċedenza f'każ ta' kwalunkwe inkonsistenza.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj>).

- (5) Sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku diġitali, tiġi żgurata l-interoperabbiltà u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, huwa essenzjali li tiġi żgurata l-kompatibbiltà bejn il-Kartieri Ewropej tan-Negozju u s-sistemi u s-soluzzjonijiet eżistenti fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali. Jenħtieġ li din il-ħidma tiġi appoġġata mill-Grupp ta' Kooperazzjoni dwar l-Identità Diġitali Ewropea. Kif preskritt mill-Att dwar Ewropa Interoperabbli u biex jittejjbu l-iskambji tad-data siguri u effiċjenti madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, fejn xieraq u wara analiżi teknika, tagħmel użu mill-infrastrutturi diġitali u l-elementi kostitwenti eżistenti tal-UE, inkluż dawk żviluppati taħt is-Sistema Teknika ta' "Darba Biss", is-Sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali u l-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, u b'hekk jiġu żgurati l-komplementarjetà, l-interoperabbiltà, u l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi.

- (6) Il-Kartieri Ewropej tan-Negozju huma għodda diġitali għall-operaturi ekonomiċi biex jinteraġixxu mal-korpi tas-settur pubbliku fil-kuntest tal-issodisfar tal-obbligi ta' rapportar u tal-issodisfar tal-proċeduri amministrattivi, kif ukoll jippermettu l-użu mill-ġdid tal-istess funzjonalitajiet f'dati f'ambjenti minn negozju għal negozju. Jenħtieġ li l-prinċipju ta' ekwivalenza legali stabbilit f'dan ir-Regolament japplika orizzontalment fir-Regolament kollu. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-prinċipju japplika biss għal azzjonijiet li jirriżultaw mill-użu tal-funzjonalitajiet ewlenin tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju li jkunu funzjonalment ekwivalenti għal dawk li jsiru wiċċ imb wiċċ, fuq karta, jew permezz ta' mezzi oħra u li jkollhom l-istess skop bħall-kontropartijiet tradizzjonali tagħhom. Dan jinkludi, pereżempju, l-użu ta' firem u siġilli elettroniki kwalifikati, u attestazzjonijiet elettroniki tal-attributi li jkollhom l-istess valur legali bħall-ekwivalenti manwali jew fiżiċi tagħhom. Jenħtieġ li l-użu tal-funzjonalitajiet ewlenin tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju biex jidentifikaw u jawtentikaw, jiffirmaw jew jissiġillaw, jitolbu jew jikkondividu attestazzjonijiet elettroniki tal-attributi, jissottomettu dokumenti u jibagħtu jew jirċievu notifiki jkun mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti proċedurali li jistgħu jkunu parti minn proċedura amministrattiva u li ma jistgħux jiġu ssodisfati mill-funzjonalitajiet ewlenin tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju. Dawn ir-rekwiżiti proċedurali jistgħu jinkludu kwalunkwe salvagwardja jew verifika addizzjonali, bħal kontrolli biex jiġi żgurat l-għarfien jew il-fehim tal-kontenut ta' dokument jew l-implikazzjonijiet tal-iffirmar ta' kuntratt, jew azzjonijiet speċifiċi li huma meħtieġa bħala parti minn proċedura amministrattiva u li mhumiex appoġġati mill-funzjonalitajiet ewlenin tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju. Għal dak l-għan, jenħtieġ li dan ir-Regolament jinftiehem ukoll li huwa mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti legali, amministrattivi jew proċedurali li jobbligaw lill-operaturi ekonomiċi jissodisfaw rekwiżit amministrattiv jew jissottomettu dokumenti f'forma elettronika partikolari. Il-prinċipju tal-ekwivalenza legali jiżgura li l-azzjonijiet imwettqa permezz tal-funzjonalitajiet ewlenin tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jkollhom l-istess effett legali u validità daqs azzjonijiet ekwivalenti, filwaqt li jibqgħu soġġetti għar-rekwiżiti legali, amministrattivi jew proċedurali applikabbli. Jenħtieġ li tali rekwiżiti ma jiġux applikati b'mod li jkollu l-effett li jeskludi l-użu tal-funzjonalitajiet ewlenin tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju unikament abbażi tan-natura diġitali tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-korpi tas-settur pubbliku jiżguraw li r-rekwiżiti proċedurali rilevanti kollha jiġu ssodisfati, inkluż kwalunkwe azzjoni jew proċess speċifiku li jeħtieġ li jiġi ssodisfat bħala parti minn proċedura amministrattiva u li ma jistax isir permezz tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju.

- (7) Il-korpi tas-settur pubbliku għandhom il-flessibbiltà li jiddeċiedu kif jiżguraw li jistgħu jaċċettaw il-Kartieri Ewropej tan-Negozju meta titqies id-diversità tal-infrastruttura tal-IT tagħhom, l-interfaċċi eżistenti, u l-ħtiġijiet tagħhom għall-interoperabbiltà. Dan l-approċċ jippermetti lill-korpi tas-settur pubbliku jżommu l-oqfsa operazzjonali eżistenti tagħhom, anke fejn il-proċeduri amministrattivi bħalissa jsiru elettronikament permezz ta' għodod u servizzi diġitali eżistenti oħra. Jenħtieġ li dan l-approċċ jippermetti wkoll lill-korpi tas-settur pubbliku jżommu l-interfaċċi eżistenti filwaqt li jibbenefikaw mill-vantaġġi tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju. Madankollu, jenħtieġ li din il-flessibbiltà tiġi eżerċitata b'kunsiderazzjoni xierqa tal-prinċipju tal-proporzjonalità u l-ħtieġa li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piżijiet tekniċi jew amministrattivi sproporzjonati, speċjalment fuq il-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.
- (8) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-awtonomija proċedurali, ir-rekwiżiti konstituzzjonali u l-indipendenza ġudizzjarja li jirregolaw l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali tal-Istati Membri, kif ukoll għall-qafas, l-integrità u s-salvagwardji proċedurali tal-proċedimenti ġudizzjarji.
- (9) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-Istati Membri li jissalvagwardaw is-sigurtà nazzjonali u s-setgħa tagħhom li jissalvagwardaw funzjonijiet Statali essenzjali oħra, fosthom l-iżgurar tal-integrità territorjali tal-Istat u ż-żamma tal-ordni pubbliku u l-prevenzjoni tal-kriminalità.
- (10) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-persuni ġuridiċi li jissottomettu l-informazzjoni lill-korpi tas-settur pubbliku darba biss kif ukoll għad-dritt tal-Istati Membri li jkomplu jużaw sistemi oħra għas-sottomissjoni tad-dokumenti u tad-data bejn l-awtoritajiet kompetenti kif stabbilit skont id-dritt tal-Unjoni, bħal fir-Regolament 2018/1724⁽⁴⁾ u fid-Direttiva (UE) 2017/1132 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2018/1724/oj/eng>)

- (11) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u tittejjeb il-kompetittività, jenħtieġ li l-entitajiet kollha li jwettqu attivitajiet ekonomiċi għal finijiet relatati mal-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni tagħhom, u irrispettivament mill-metodu ta' finanzjament jew il-forma ġuridika tagħhom, bħal kumpaniji, organizzazzjonijiet, persuni b'impjieg indipendenti, kummerċjanti waħdiena u kwalunkwe tip ieħor ta' negozju, irrispettivament mid-daqs, is-settur jew il-forma ġuridika, ikunu jistgħu jużaw il-Kartieri Ewropej tan-Negozju. Dawn l-entitajiet jistgħu jsiru sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju b'diversi metodi, pereżempju permezz ta' sjieda, liċenzja, abbonament jew kwalunkwe ftehim ieħor li jagħti d-dritt ta' użu ta' tali Kartiera Ewropea tan-Negozju.
- (11a) Biex jiġi żgurat li n-notifiki legalment validi u d-dokumenti jkunu jistgħu jiġu skambjati, u li l-obbligi ta' rapportar jiġu ssodisfati permezz tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, huwa neċessarju li jiġi stabbilit mezz ta' komunikazzjoni affidabbli u sigur li jista' jintuża mis-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju madwar l-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi integrat servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja rreġistrat ("QERDS") bħala mezz ta' komunikazzjoni sigur fil-Kartieri Ewropej tan-Negozju, u jenħtieġ li dan jippermetti l-iskambju sigur u legalment validu tal-informazzjoni bejn il-partijiet, kif previst fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.
- (12) Sabiex tiġi pprovduta soluzzjoni mfassla apposta għall-persuni b'impjieg indipendenti u għall-kummerċjanti waħdiena, huwa essenzjali li tiġi żgurata l-integrazzjoni bla xkiel tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali mal-Kartieri Ewropej tan-Negozju. Dik l-integrazzjoni jenħtieġ li tippermetti lil dawk il-persuni jawtentikaw permezz tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali tagħhom u jaċċessaw servizzi fiduċjarji offruti għall-Kartieri Ewropej tan-Negozju, inkluż il-QERDS stabbilit bħala mezz ta' komunikazzjoni sigur f'dan ir-Regolament, permezz ta' dawk il-Kartieri, mingħajr il-ħtieġa li joħolqu identità kummerċjali separata. Għalhekk, jenħtieġ li l-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jitħallew joffru l-mezz ta' komunikazzjoni sigur bħala servizz awtonomu lill-persuni b'impjieg indipendenti u lill-kummerċjanti waħdiena li jużaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali f'kapasità kummerċjali, bl-interoperabbiltà żgurata biex jiġi ffaċilitat il-qlib tal-applikazzjonijiet, kif ukoll servizzi fiduċjarji bħall-firem elettroniċi u servizzi ta' timbri tal-ħin kwalifikati u mhux kwalifikati. Tali aċċess għall-mezz ta' komunikazzjoni sigur għall-persuni b'impjieg indipendenti u għall-kummerċjanti waħdiena jenħtieġ li jiġi promoss billi tiġi żgurata offerta, bi prezzijiet raġonevoli u affordabbli, li tirrifletti l-ħtiġijiet tal-użu u tkun akkumpanjata minn termini ta' użu li ma jimponux piż żejjed fuq dawk il-persuni.

- (13) Il-Kartieri Ewropej tan-Negozju, flimkien mar-Regolament (UE) 2018/1724, jenħtieġ li jappoġġaw it-28 Reġim futur⁽⁵⁾ billi jipprovdu l-infrastruttura diġitali għal proċeduri kompletament diġitali, li tippermetti lill-istart-ups u lill-iscale-ups iwettqu operazzjonijiet madwar l-UE b'mod rapidu u effiċjenti. Il-Kartieri Ewropej tan-Negozju jenħtieġ li jipprovdu l-infrastruttura diġitali għall-istrateġija "id-diġitali l-ewwel" tat-28 Reġim, billi jissimplifikaw l-interazzjonijiet transfruntiera u jnaqqsu l-piż amministrattiv, bħall-iffaċilitar tal-ħżin b'mod sigur u tal-iffirmar tal-kuntratti u taċ-ċertifikati jew is-sottomissjoni, ir-riċevuta u l-kondiviżjoni ta' applikazzjonijiet u ta' dokumenti elettroniċi. Billi jipprovdu din l-infrastruttura, il-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jgħinu biex il-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku" jsir realtà, li jiffaċilita t-tkabbir u l-iżvilupp tal-kumpaniji tal-UE u jtejjeb il-kompetittività tagħhom.
- (14) Minħabba l-objettiv li tinħoloq ekosistema diġitali unifikata għall-identifikazzjoni, l-awtentikazzjoni, u l-iskambju elettroniċi ta' dokumenti, notifikati, u attestazzjonijiet tal-attributi elettroniċi, huwa neċessarju li l-entitajiet tal-Unjoni jiġu inklużi fost il-korpi tas-settur pubbliku koperti skont dan ir-Regolament. Din l-inklużjoni jenħtieġ li toħloq qafas koerenti biex is-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jinvolvu ruħhom fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni pubblika, u b'hekk tnaqqas il-kumplessitajiet amministrattivi u tixpruna l-adozzjoni tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju.
- (15) Sabiex jiġu żgurati l-ħruġ u l-integrazzjoni xierqa tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju fl-operazzjonijiet u fis-sistemi kollha tal-entitajiet tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament iqis kif xieraq in-natura u l-istruttura speċifiċi ta' tali istituzzjonijiet, korpi u organi. Biex jiġi żgurat ir-rispett tal-awtonomija amministrattiva u s-sigurtà tal-entitajiet tal-Unjoni, jenħtieġ li dawn jiġihallaw jiksbu Kartieri Ewropej tan-Negozju mingħand fornituri diġà stabbiliti tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, jew jiżviluppaw il-Kartieri Ewropej tan-Negozju tagħhom stess jew jaġixxu bħala fornitur għall-entitajiet tal-Unjoni huma stess. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata l-kompitu li tissorvelja l-forniment ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju mill-entitajiet tal-Unjoni li ma jkunux istituzzjonijiet tal-Unjoni.

⁵ Il-Kummissjoni Ewropea, Sejħa għal evidenza: *28th regime – a single harmonized set of rules for innovative companies throughout the EU*, 8 ta' Lulju 2025, disponibbli fuq https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14674-28th-regime-a-single-harmonized-set-of-rules-for-innovative-companies-throughout-the-EU_en

- (16) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 stabbilixxa qafas għall-identifikazzjoni elettronika u għas-servizzi fiduċjarji fis-suq intern. Filwaqt li jibnu fuq l-ekosistema stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 910/2014, jenħtieġ li l-Kartieri Ewropej tan-Negozju joffru lill-operaturi ekonomiċi u l-korpi tas-settur pubbliku soluzzjoni sigura u affidabbli għall-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni diġitali, il-kondiviżjoni tad-data, u l-konsenja ta' notifiki legalment validi. Il-qafas ta' fiduċja għall-Kartieri Ewropej tan-Negozju, inkluż l-użu ta' listi fdati, jenħtieġ li jibni fuq l-istrutturi stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014. Jenħtieġ li l-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni fil-qafas tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jiddependu fuq attestazzjonijiet elettroniċi, maħruġa minn entitajiet fdati, li jattestaw l-identità, l-attributi jew ir-rwoli speċifiċi ta' persuna fiżika jew ġuridika li tuża dawn is-soluzzjonijiet u jippermettu l-verifika tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
- (17) Jenħtieġ li l-Kartieri Ewropej tan-Negozju jippermettu lill-individwi mogħtija s-setgħa li jaġixxu f'isem entità fi kwistjonijiet legali, finanzjarji u amministrattivi, jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom billi jiffirmaw kwalunkwe attestazzjoni, dikjarazzjoni, jew dokument esegwit permezz ta' firma elettronika legalment valida skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, li jstabbilixxi li l-firem elettroniċi kwalifikati għandu jkollhom effett legali ekwivalenti għall-firem bl-idejn.

(18) Biex jappoġġaw id-delega tas-setgħat f'kuntest professjonali, jenħtieġ li l-Kartieri Ewropej tan-Negozju jinkorporaw sistema bbażata fuq l-awtorizzazzjoni u fuq ir-rwoli li tirregola l-aċċess għas-servizzi u t-tranżazzjonijiet fil-Kartiera Ewropea tan-Negozju b'tali mod li tiġi ppreservata l-integrità tal-identità ta' sid dik il-Kartiera Ewropea tan-Negozju. Jenħtieġ li dik is-sistema tippermetti lill-operaturi ekonomiċi u lill-korpi tas-settur pubbliku jassenjaw drittijiet lill-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju permezz ta' awtorizzazzjonijiet tekniċi definiti b'mod ċar li jippermettu lis-sid ta' Kartiera Ewropea tan-Negozju speċifika jagħti drittijiet sħaħ biex b'mod ġenerali tintuża s-soluzzjoni u ssir azzjoni f'ismu, u awtorizzazzjoni amministrattiva li tippermetti lis-sid ta' Kartiera Ewropea tan-Negozju jassenja rwoli u responsabbiltajiet lil diversi utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju fl-organizzazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li din is-sistema ta' awtorizzazzjoni tiżgura l-kompatibbiltà mal-prokura diġitali tal-UE, kif stabbilita bid-Direttiva (UE) 2025/25 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶. Jenħtieġ li din is-sistema ta' awtorizzazzjoni tkun robusta u skalabbli, sabiex tiżgura li l-operaturi ekonomiċi u l-korpi tas-settur pubbliku jkunu jistgħu jiddelegaw, bħala s-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, l-awtorità lil diversi utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju, inkluż impjegati jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi awtorizzati oħra, u b'hekk jiffaċilitaw il-ġestjoni effiċjenti u sigura tal-attivitajiet interni u jiżguraw li l-aċċess għall-Kartieri Ewropej tan-Negozju u l-funzjonijiet tagħhom ikun ikkontrollat u jista' jiġi awditjat. Jenħtieġ li din is-sistema tirregola l-aċċess għas-servizzi u għat-tranżazzjonijiet fil-Kartiera Ewropea tan-Negozju, filwaqt li tippreserva l-integrità tal-identitajiet tas-sidien. Jenħtieġ li tali awtorizzazzjonijiet mogħtija permezz tas-sistemi jinftiehem li huma ta' natura teknika u li ma joħlqu, jillimitaw, jew b'xi mod ieħor jaffettwaw l-ebda prokura jew mandat legali previsti skont il-liġi u l-proċeduri nazzjonali jew tal-Unjoni applikabbli.

⁶ Id-Direttiva (UE) 2025/25 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 li temenda d-Direttivi 2009/102/KE u (UE) 2017/1132 fir-rigward ta' aktar espansjoni u titjib tal-użu ta' għodod u proċessi diġitali fil-liġi tal-kumpaniji (ĠU L, 2025/25, 10.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2025/25/oj>).

- (19) Sabiex jiġi ffaċilitat it-twertiq ta' tranżazzjonijiet kummerċjali transfruntieri, jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, u jiġi promoss it-tkabbir ekonomiku, huwa neċessarju li jiġi stabbilit qafas legali ċar u prevedibbli li jirrikonoxxi l-ekwivalenza legali bejn l-użu tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, jew tal-funzjonalitajiet ewlenin tagħhom u tal-mezz ta' komunikazzjoni sigur fejn dan tal-aħħar jintuża minn persuni b'impjeg indipendenti u minn kummerċjanti waħdiena, u ta' metodi aċċettati oħra biex l-operaturi ekonomiċi jidentifikaw, jawtentikaw, jissottomettu dokumenti u jirċievu notifiki meta jinteraġixxu mal-korpi tas-settur pubbliku fl-Unjoni. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-użu tal-funzjonalitajiet ewlenin ta' Kartiera Ewropea tan-Negozju, jew il-mezz ta' komunikazzjoni sigur fejn dan tal-aħħar jintuża minn persuni b'impjeg indipendenti u minn kummerċjanti waħdiena, ikollu l-istess effett legali daqslikieku twettaq legalment wiċċ imb wiċċ, fuq karta, jew permezz ta' kwalunkwe mezz jew proċess ieħor li kieku jitqies li huwa konformi mar-rekwiżiti legali, amministrattivi, jew proċedurali applikabbli.
- (20) Sabiex jiżguraw esperjenza konsistenti għall-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju u biex jiggarrantixxu l-utilità, l-affidabbiltà u l-interoperabbiltà tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jimplementaw sett ewlieni ta' funzjonalitajiet. Jenħtieġ li jibqgħu liberi li joffru karatteristiċi addizzjonali bħala parti mill-offerta kummerċjali tagħhom, biex irawmu l-innovazzjoni u jwieġbu għall-ħtiġijiet tas-suq. Jenħtieġ li l-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jipprovdu wkoll aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà, inkluż f'konformità mal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882, sa fejn ikun rilevanti. Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-iżvilupp u għall-użu tal-funzjonalitajiet ewlenin, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistipula r-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa biex jiżguraw l-interoperabbiltà u l-funzjonament bla xkiel madwar l-Unjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁷⁾ u jenħtieġ li jinkludu s-setgħat ta' definizzjoni tal-istandards u tal-protokolli meħtieġa għall-mezz ta' komunikazzjoni sigur, filwaqt li jitqiesu l-aħħar żviluppi teknoloġiċi.

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

- (21) Il-Kartieri Ewropej tan-Negożju jenħtieġ li jissimplifikaw l-interazzjonijiet kumplessi bejn l-operaturi ekonomiċi u l-korpi tas-settur pubbliku, u jistgħu jiffaċilitaw ukoll l-interazzjonijiet bejn l-operaturi ekonomiċi nfushom, u jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq l-operaturi ekonomiċi f'firxa wiesgħa ta' setturi ekonomiċi. Jenħtieġ li, sabiex irawmu l-innovazzjoni u l-kompetittività, il-Kartieri Ewropej tan-Negożju jippermettu każijiet ta' użu speċifiċi għas-settur u jtejbu l-effiċjenzi operazzjonali, filwaqt li jiżguraw il-flessibilità u l-adattabilità biex jappoġġaw ir-rekwiżiti uniċi ta' setturi differenti, inklużi, iżda mhux limitati għal, l-agrikoltura, l-enerġija, l-ambjent, u l-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali.
- (22) L-użu tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju f'tali kuntesti jista' jgħin inaqas il-kostijiet u jippromwovi firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet u ta' każijiet ta' użu madwar l-Unjoni, bħas-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet, l-applikazzjonijiet għall-finanzjament pubbliku, l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-iffaċilitar tal-kondiviżjoni sigura tad-data u tal-aċċess sigur fl-ispazji tad-data, bħas-sottomissjoni ta' ċertifikati A1 dwar haċċiema stazzjonati previsti skont ir-Regolament (UE) 883/2004.
- (23) L-istabbiliment tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju flimkien mas-Sistema Teknika ta' "Darba Biss" huwa mistenni li jgħaliq sinerġiji b'saħħithom li jimmassimizzaw l-effiċjenza u l-faċilità tat-tħaddim. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jużaw il-Kartieri Ewropej tan-Negożju biex iżommu u jittrażmettu evidenza miksuba mingħand l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti bl-użu ta' komponenti tas-Sistema Teknika ta' "Darba Biss". Fejn xieraq, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu wkoll jgħaqqdu l-evidenza miżmuma fil-Kartieri Ewropej tan-Negożju ma' evidenza miksuba permezz tas-Sistema Teknika ta' "Darba Biss" fil-kuntest tal-proċeduri pubbliċi. Konsegwentement, billi jipprovdu pjattaforma diġitali sigura għall-ħżin u l-iskambju ta' dokumenti kummerċjali, jenħtieġ li l-Kartieri Ewropej tan-Negożju jiffaċilitaw l-iskambju bejn il-korpi tas-settur pubbliku ta' dokumenti bħal dawn irkuprati permezz tas-Sistema Teknika ta' "Darba Biss".

- (24) Sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn id-diġitalizzazzjoni kontinwa tal-Unjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, il-modernizzazzjoni tal-iskambju transfruntier sigur ta' informazzjoni, u l-ħtieġa li l-operaturi ekonomiċi jiġu pprovduti b'għodod diġitali effiċjenti biex jinteraġixxu mal-awtoritajiet, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas koerenti li jippermetti interazzjoni bla xkiel bejn tali sistemi rilevanti. It-tiżni ta' tali koordinazzjoni ser inaqas il-piż amministrattiv, itejjeb iċ-ċertezza legali, u jsaħħaħ l-effettività tal-kooperazzjoni transfruntiera, billi jiżgura li l-mezzi ta' komunikazzjoni użati mill-operaturi ekonomiċi jiffunzjonaw mingħajr xkiel fis-suq diġitali Ewropew. F'dak il-kuntest, il-Kartieri Ewropej tan-Negozju jenħtieġ li jikkomplementaw is-sistemi stipulati fir-Regolament (UE) 2023/2844 u r-Regolament (UE) 2023/969, meta jenħtieġ li tinżamm interazzjoni bla xkiel bejn dawn is-sistemi u l-Kartieri Ewropej tan-Negozju permezz tal-gateway tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, li tippermetti lill-awtoritajiet rilevanti jżommu dawn is-sistemi filwaqt li tippromwovi s-simplifikazzjoni għall-kumpaniji Ewropej.
- (25) Sabiex jiġi ffaċilitat skambju flessibbli u effiċjenti ta' informazzjoni u ta' servizzi meta jintużaw il-Kartieri Ewropej tan-Negozju, u biex tiġi żgurata l-integrazzjoni bla xkiel tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju ma' soluzzjonijiet eżistenti tal-identità diġitali, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, mezzi ta' identifikazzjoni elettronika notifikata u attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi jintużaw għall-onboarding u għall-ġestjoni tal-aċċess tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju. Dan jenħtieġ li jippermetti lill-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju jisfruttaw l-identitajiet diġitali u l-attezzjonijiet elettroniċi tal-attributi eżistenti biex jaċċessaw il-Kartieri Ewropej tan-Negozju, u b'hekk jissimplifikaw il-proċess ta' onboarding u jtejbju l-esperjenza ġenerali tal-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju. L-użu tal-attezzjonijiet elettroniċi tal-attributi fil-kuntest tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jenħtieġ li jindirizza l-ħtiġijiet diversi tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju u jista' jintuża biex jinħarġu attributi ewlenin, bħall-indirizz kurrenti tas-sid, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT, in-numru ta' referenza tat-taxxa, in-numru tal-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI, Legal Entity Identifier), in-numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI, Economic Operator Registration and Identification) u n-numru tas-sisa, u biex dawn l-attributi ewlenin ikunu jistgħu jiġu vverifikati b'mod sigur u affidabbli. Il-Kartieri Ewropej tan-Negozju jenħtieġ li jappoġġaw firxa wiesgħa ta' każijiet ta' użu, minn awtentikazzjoni u identifikazzjoni sempliċi sa tranżazzjonijiet u interazzjonijiet aktar kumplessi.

- (26) Sabiex jiġi żgurat it-tħaddim sigur u affidabbli tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, jenħtieġ li l-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jiżguraw li kull Kartiera Ewropea tan-Negozju li jipprovdu tkun ikkonfigurata minn qabel biex tinteraġixxi ma' ċerti servizzi fiduċjarji, li huma meħtieġa biex jippermettu l-funzjonalitajiet ewlenin tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, inkluż il-ħolqien ta' firem elettroniċi kwalifikati, il-ħolqien ta' siġilli elettroniċi kwalifikati, u l-ħruġ u l-validazzjoni tal-attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati u mhux kwalifikati tal-attributi. Sabiex jappoġġaw dawn il-funzjonalitajiet, jenħtieġ li l-Kartieri Ewropej tan-Negozju jippermettu l-kondiviżjoni, il-ħżin u l-verifika ta' informazzjoni u ta' dokumenti speċifiċi relatati mas-sid, bħal messaġġi u dokumenti għall-mezz ta' komunikazzjoni sigur, dokumenti ffirmati u ttimbrati bis-siġill, u settijiet ta' attributi għal servizzi relatati mal-attestazzjoni.
- (27) Sabiex l-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi ppreżentati permezz tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jkunu jistgħu jiġu rikonoxxuti b'mod legali, huwa neċessarju li jkun hemm il-possibbiltà li jinħolqu attestazzjonijiet marbuta u li dawn jiġu vvalidati, fejn attestazzjoni waħda tkun kriptografikament marbuta ma' oħra b'mod li jippermetti l-verifika tal-awtentiċità u tal-integrità ta' kull attestazzjoni individwali, u tal-attestazzjonijiet marbuta kollha b'mod kollettiv. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-infrastruttura tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju, permezz tal-użu tal-katina tal-attestazzjonijiet, tippermetti s-sottomissjoni ta' istanza waħda ta' attestazzjoni u tiffaċilita l-użu mill-ġdid sussegwenti tagħha fil-proċeduri rilevanti. Tali funzjonalità jenħtieġ li tippermetti lis-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jittrażmettu referenza għal dokument, fejn xieraq, b'element kriptografiku, bħal kjavi tal-hash għal attestazzjoni bis-siġill maħruġa minn Kartiera Ewropea tan-Negozju, u b'hekk jattestaw l-integrità u l-awtentiċità tas-sottomissjoni oriġinali.

- (28) Sabiex jiġi żgurati li l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-Kartieri Ewropej tan-Negozju jiżguraw l-interoperabbiltà u s-sigurtà f'diversi soluzzjonijiet, huwa neċessarju li f'Anness ta' dan ir-Regolament jiġu ddefiniti l-istandards u l-protokollu għall-funzjonalitajiet ewlenin u r-rekwiżiti tekniċi għall-Kartieri Ewropej tan-Negozju. Jenħtieġ li l-Anness jistipula r-rekwiżiti għall-implimentazzjoni tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju. Sabiex jiġu żgurati l-vijabbiltà u l-effettività fit-tul tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi u taġġorna l-proċeduri u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar l-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet ewlenin, u b'hekk tippermetti l-integrazzjoni ta' funzjonijiet addizzjonali u ta' teknoloġiji ġodda li jagħmlu każijiet ta' użu ġodda possibbli, bħall-IA b'aġenzija jew l-għoti ta' identità diġitali lil assi tas-sid, u tippermetti li l-Kartiera Ewropea tan-Negozju tkompli tappoġġa l-ħtiġijiet tal-operaturi ekonomiċi hekk kif jevolvu u b'mod affidabbli. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Sa fejn ikun possibbli, jenħtieġ li l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju jkunu s-soluzzjonijiet tekniċi u l-istandards rilevanti użati mis-sistemi eżistenti tal-ICT mill-operaturi ekonomiċi, sabiex jiffaċilitaw l-allinjament ta' dawn is-sistemi mal-Kartiera Ewropea tan-Negozju u jagħmluhom interoperabbli magħha. Il-fornituri mħeġġa jirrilaxxaw il-kodiċi tas-sors tas-software tal-applikazzjoni tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju taħt liċenzja b'sors miftuħ.
- (29) Sabiex jiġi appoġġat l-iżvilupp f'waqtu tas-suq għall-Kartieri Ewropej tan-Negozju, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni dwar il-funzjonalitajiet ewlenin u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jakkumpanjawhom. Fejn xieraq, jenħtieġ li dawn jibnu fuq l-istandards eżistenti, inkluż daww stipulati fl-Arkitettura u l-Qafas ta' Referenza previsti fil-kuntest tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, biex jappoġġaw l-użu mill-ġdid ta' standards tekniċi familjari u l-adozzjoni tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju. Jenħtieġ li daww l-atti ta' implimentazzjoni jaġixxu bħala gwida għall-miżuri organizzattivi u tekniċi xierqa li jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu sabiex jippermettu l-użu tal-funzjonalitajiet ewlenin tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju u biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.

(30) Biex jiġi żgurat il-livell xieraq ta' fiduċja, funzjonalità u sigurtà tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għall-forniment transfruntier tas-servizzi tagħhom, inkluż biex jitnaqqas ir-riskju ta' frodi, jenħtieġ li l-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jkunu soġġetti għal rekwiżiti u obbligi ċari u proporzjonati mingħajr ma jkunu soġġetti għal rekwiżiti nazzjonali addizzjonali. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi lista ta' standards ta' referenza u, meta meħtieġ, speċifikazzjonijiet u proċeduri għall-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju. Jenħtieġ li dawk l-atti ta' implimentazzjoni jkopru, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, il-ġestjoni tar-riskji diretti jew indiretti relatati mal-forniment tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, il-proċeduri ta' reġistrazzjoni u ta' onboarding għall-Kartieri Ewropej tan-Negozju. Sabiex jiġi żgurat li r-riskji jiġu vvalutati b'mod konsistenti ml-Unjoni kollha u li l-fornituri jieħdu miżuri mfassla apposta bbażati fuq is-settur, il-każ tal-użu, is-sigurtà tal-interfaċċa u d-disponibbiltà tas-servizz tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu proċeduri komuni, reġistru tar-riskju u kriterji għall-valutazzjonijiet tar-riskju u għall-awtovalutazzjonijiet. Sabiex jiġi evitati duplikazzjoni u piż amministrattiv bla bżonn, jenħtieġ li l-applikanti jkunu jistgħu jiddependu fuq ċertifikazzjonijiet, awtovalutazzjonijiet u dokumentazzjoni diġà mwettqa skont liġi applikabbli oħra tal-Unjoni, bħar-Regolament (UE) Nru 910/2014 u r-Regolament (UE) 2024/2847, meta dawk ikopru rekwiżiti jew riskji li jikkorrispondu għar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-applikanti jqisu l-kuntest prattiku li fih ser jintużaw il-Kartieri Ewropej tan-Negozju, inkluż kwalunkwe rekwiżit ta' sigurtà rilevanti li japplika skont il-liġi nazzjonali għas-servizz jew il-proċedura speċifika kkonċernata.

- (31) Biex tiġi żgurata superviżjoni xierqa f'konformità ma' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-entitajiet li jixtiequ jsiru fornituri ta' Kartieri Ewropej tan-Negożju jkunu meħtieġa jissottomettu applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni biex jipprovdu dawn il-Kartieri Ewropej tan-Negożju lill-korpi superviżorji qabel ma joffru s-servizzi tagħhom. Sabiex jiġu ssalvagwardati l-integrità u r-responsabbiltà tal-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju u biex tiġi żgurata s-sigurtà tad-data maħżuna jew skambjata fl-ekosistema tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju, jenħtieġ li l-fornituri jkunu stabbiliti fl-Unjoni u jkollhom il-post prinċipali tan-negożju u l-operazzjonijiet prinċipali tagħhom fl-Unjoni. Jenħtieġ li dan jiżgura li dawn il-fornituri jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni u s-superviżjoni ta' korp kompetenti fi Stat Membru, li jippermetti l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament u l-protezzjoni tad-drittijiet u tad-data tal-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju ma jippreżentawx riskju għas-sigurtà tal-Unjoni, b'mod partikolari billi ma jkunux soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz jew minn entità ta' pajjiż terz, biex jiġi żgurat li l-infrastruttura diġitali kritika tal-Unjoni tibqa' sigura u reżiljenti. F'konformità mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiżgura l-kooperazzjoni u l-interoperabbiltà ma' soluzzjonijiet stabbiliti jew approvati minn sħab tal-Unjoni tal-istess fehma.
- (32) L-Unjoni trid tipproteġi l-interess tas-sigurtà tagħha kontra fornituri li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti jew akut għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi. Għal dan il-għan, huwa neċessarju li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenzi strateġiċi fuq il-fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, inkluż fil-katina tal-provvista tal-ICT, peress li jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà tal-operaturi ekonomiċi u tal-korpi tas-settur pubbliku madwar l-Unjoni u fuq l-infrastruttura kritika tal-Unjoni, speċjalment fir-rigward tal-integrità, tal-kunfidenzjalità u tad-disponibbiltà tad-data u tas-servizzi. Kwalunkwe restrizzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u fuq miżuri ta' mitigazzjoni korrispondenti kif definiti fil-politiki u fid-dritt tal-Unjoni. Tali limitazzjonijiet jistgħu japplikaw, pereżempju, għal fornituri ta' riskju għoli, kif identifikati skont id-dritt tal-Unjoni.

- (33) Sabiex l-identità tal-operaturi ekonomiċi tiġi stabbilita b'mod sigur u affidabbli, dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti l-użu ta' attestazzjonijiet elettroniki kwalifikati tal-attributi biex tinħareġ data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju. L-attestazzjonijiet elettroniki kwalifikati tal-attributi jistgħu jiġu aġġornati jew revokati faċilment. L-użu ta' attestazzjonijiet elettroniki kwalifikati tal-attributi biex tinħareġ l-identità tal-operaturi ekonomiċi jipprovdi soluzzjoni effiċjenti u sigura adattata għall-ħtiġijiet tal-ekonomija diġitali. Il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati li joħorġu dawn l-attestazzjonijiet huma regolati skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 u huma soġġetti għal rekwiżiti stretti u għal skrutinju, biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà u ta' fiduċja fil-proċess tal-ħruġ. Is-sorsi awtentiċi użati għall-verifika tad-data li tinsab fl-attestazzjonijiet elettroniki kwalifikati tal-attributi huma r-reġistri kummerċjali u reġistri oħra, u jenħtieġ li l-użu tas-Sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali ("BRIS", Business Registers Interconnection System) u tas-Sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri tas-Sjieda Benefiċjarja ("BORIS", Beneficial Ownership Registers Interconnection System) jiġi promoss biex tiġi ffaċilitata l-verifika ta' din id-data, u b'hekk tiġi żgurata l-akkuratezza u l-affidabbiltà tad-data.
- (34) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax il-funzjonament jew ir-rwol tar-reġistri kummerċjali bħala sorsi awtentiċi u ma għandux jibdel il-mod kif joperaw jew id-data ppreżentata fih iżda pjuttost jenħtieġ li jibni fuq u jikkumplimenta l-infrastruttura eżistenti ta' identifikazzjoni. F'dan ir-rigward, meta l-attestazzjonijiet elettroniki tal-attributi jinħarġu minn sors awtenticu, bħal reġistru kummerċjali, jew f'ismu, ir-reġistru jista' joħroġ id-data rilevanti direttament, li jkompli jtejjeb is-sigurtà u l-affidabbiltà tal-proċess ta' identifikazzjoni.
- (35) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 jirrikjedi lill-Istati Membri jiżguraw li jittieħdu miżuri li jippermettu lill-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati jivverifikaw b'mezzi elettroniċi, fuq talba tal-utent tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju, l-awtentiċità tal-attributi elenkati fl-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, bħall-kwalifiki edukattivi u professjonali, it-titoli u l-liċenzji, is-setgħat u l-mandati biex jirrappreżentaw persuni fiżiċi jew ġuridiċi, il-permessi pubbliċi u l-liċenzji u d-data finanzjarja u tal-kumpaniji. Il-qafas tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jenħtieġ li jibni fuq dan ir-rekwiżit eżistenti li jenħtieġ li jkopri d-data uffiċjali kollha li hija rilevanti għall-operaturi ekonomiċi fil-kuntest tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju u li jippermetti l-verifika elettronika tal-attributi biex jiffaċilita l-ħruġ ta' data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju u ta' attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi oħrajn.

(36) Peress li jenħtieġ li kull operatur ekonomiku u entità li twettaq attivitajiet ekonomiċi tkun tista' tuża l-Kartieri Ewropej tan-Negozju, inklużi l-persuni b'impjeg indipendenti u l-kummerċjanti waħdiena, jenħtieġ li d-data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju tiġi pprovduta b'mod li jkun imfassal speċifikament biex jiġu vverifikati l-identità tas-sid u l-attributi attestati f'kundest ta' negozju. Biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-oqfsa eżistenti tal-Unjoni u sabiex tiġi ffaċilitata l-interoperabbiltà transfruntiera, il-qafas tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju jenħtieġ li juża l-Identifikatur Uniku Ewropew (EUID) ipprovdut bid-Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji kodifikata (UE) 2017/1132⁽⁸⁾ u bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/369⁽⁹⁾ kif ukoll bir-Regolament (UE) 2024/1624⁽¹⁰⁾ u bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/369⁽¹¹⁾. Il-kumpaniji u l-entitajiet legali l-oħrajn kif ukoll l-arranġamenti bħal trusts huma assenjati Identifikatur Uniku Ewropew biex jagħmilha possibbli li jiġu identifikati b'mod inekwivoku f'sitwazzjonijiet transfruntiera. L-Identifikatur Uniku Ewropew bħalissa huwa magħmul aċċessibbli għall-pubbliku permezz tal-BRIS u jintuża mill-BORIS. Għaldaqstant, il-qafas tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju jenħtieġ li jibbaża fuq il-proċess tal-ħruġ u tar-reġistrazzjoni tal-Identifikaturi Uniċi Ewropej bħala l-mezz ta' verifika tal-identità tal-operaturi ekonomiċi li huma pprovduti b'Identifikaturi Uniċi Ewropej f'konformità mad-Direttiva (UE) 2017/1132. Il-qafas tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju jenħtieġ li jibbaża fuq il-proċess tal-ħruġ u tar-reġistrazzjoni tal-Identifikaturi Uniċi Ewropej għal operaturi ekonomiċi oħrajn li jaqgħu taħt id-Direttiva (UE) 2015/849.

⁸ Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (kodifikazzjoni) (ĠU L 169, 30.6.2017, pp. 46–127, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2017/1132/oj>)

⁹ Ir-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L, 2024/1624, 19.6.2024, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2024/1624/oj>)

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L ..., 19.6.2024, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2024/1624/oj>)

¹¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/369 tal-1 ta' Marzu 2021 li jstabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-proċeduri meħtieġa għas-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri ċentrali msemmija fid-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 71, 2.3.2021, pp. 11–17, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_impl/2021/369/oj)

(37) Sabiex jiġi żgurati li s-sidien kollha ta' Kartiera Ewropea tan-Negożju jkunu jistgħu jiġu identifikati b'mod affidabbli u li l-attestazzjoni elettronika tagħhom tal-attributi tkun assoċjata ma' entità unika, huwa neċessarju wkoll li jiġi assenjat identifikatur uniku lil operaturi ekonomiċi oħrajn u lill-korpi tas-settur pubbliku. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-identifikaturi uniċi, b'mod partikolari l-effettività u l-konsistenza tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tispeċifika r-rekwiżiti dettaljati għall-identifikaturi uniċi. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Minħabba l-approċċi differenti fost l-Istati Membri fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' xi operaturi ekonomiċi u korpi tas-settur pubbliku, huwa importanti li jiġu żgurati t-trasparenza u l-aċċessibilità għall-fornituri tad-data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni s-sorsi awtentiċi li huma rilevanti għall-ħruġ ta' data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju.

- (38) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti, sigur u trasparenti tal-qafas tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju, huwa neċessarju li jiġi stabbilit Direttorju Diġitali Ewropew, li jinkludi data personali tal-operaturi ekonomiċi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tistabbilixxi u żżomm dan id-Direttorju Diġitali Ewropew, bħala sors fdat ta' informazzjoni dwar l-operaturi ekonomiċi u dwar il-korpi tas-settur pubbliku li jużaw il-Kartieri Ewropej tan-Negozju. Jenħtieġ li d-Direttorju Diġitali Ewropew jippermetti li s-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jiġu kkuntattjati faċilment biex tiġi promossa ċ-ċertezza legali fir-rigward tan-negozjati bejn in-negozji u fir-rigward ta' interazzjonijiet ma' korpi tas-settur pubbliku, b'mod partikolari bl-għan li jiġi promoss il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni, jissottomettu l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi appoġġat il-funzjonament tad-Direttorju Diġitali Ewropew u jikkollaboraw mal-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati, fornituri ta' attestazzjonijiet elettroniki tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku, u sorsi awtentiċi rilevanti, biex jiżguraw li d-data sottomessa tibqa' preċiża. Jenħtieġ li azzjonijiet bħal dawn ma joħolqux rekwiżit b'mod indirett li l-operaturi ekonomiċi jaġġornaw din l-informazzjoni. F'dan ir-rigward, id-Direttorju Diġitali Ewropew ser jibbaża fuq l-informazzjoni magħmula disponibbli mir-reġistri kummerċjali inklużi, iżda mhux limitati, għal dawk aċċessibbli permezz tal-BRIS filwaqt li jiżgura li din l-informazzjoni ma tiġix duplikata. Sabiex jiġi żgurat li l-korpi tas-settur pubbliku jkunu jistgħu jippermettu l-użu tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju u jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, huma meħtieġa jiġu identifikati u kkuntattjati mill-operaturi ekonomiċi bl-użu tal-funzjonijiet ewlenin tal-ekosistema tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-korpi tas-settur pubbliku li mhumiex sidien ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju jinħarġilhom identifikatur uniku, indirizz diġitali u jiġu elenkati fid-Direttorju Diġitali Ewropew.
- (39) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill japplika għall-attivitajiet kollha ta' pproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament. Meta l-ħidma tad-Direttorju Diġitali Ewropew jinkludi l-ipproċessar ta' data personali, din ser issir f'konformità mal-prinċipji rilevanti tal-protezzjoni tad-data, bħall-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data u l-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop, mal-obbligi, bħall-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku, u ser tinkludi, fejn xieraq, karatteristiċi ta' pseudonimizzazzjoni.

- (40) Biex jiġu bbilanċjati l-piżijiet regolatorji u s-sigurtà, jenħtieġ li jiġu previsti s-superviżjoni tal-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tagħhom, filwaqt li tkun meħtieġa valutazzjoni minn qabel tal-operazzjonijiet tagħhom. Dan l-approċċ jenħtieġ li jippermetti ambjent regolatorju aktar flessibbli u effiċjenti, filwaqt li jżomm is-salvagwardji meħtieġa biex jiproteġi lill-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju u jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tal-qafas tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju. Jenħtieġ li l-proċess ta' awtorizzazzjoni għall-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jkun issimplifikat u effiċjenti, b'rekwiżiti u skedi ta' żmien ċari għall-applikanti. Bħala parti minn dan il-proċess ta' awtorizzazzjoni, jenħtieġ li l-applikanti li biħsiebhom jipprovdu Kartieri Ewropej tan-Negozju juru konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 5, 6, u 7 permezz ta' rapport ta' awtovalutazzjoni u jenħtieġ li l-korpi superviżorji jivvalutaw jekk ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ikunux issodisfati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi gwida dwar ir-rapport ta' awtovalutazzjoni biex tiżgura l-konsistenza u tiffaċilita l-valutazzjoni tal-applikazzjoni mis-superviżuri. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati, li diġà huma soġġetti għal qafas regolatorju robust skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014, jibbenefikaw minn proċess partikolarment ħafif biex ikunu jistgħu jipprovdu l-Kartieri Ewropej tan-Negozju.
- (41) Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fl-ekosistema tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista disponibbli għall-pubbliku ta' fornituri awtorizzati ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju li għandha tinżamm aġġornata mill-Kummissjoni. Dik il-lista jenħtieġ li tinkludi informazzjoni trażmessa mill-korpi superviżorji nazzjonali dwar il-fornituri, inklużi l-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati, li jkunu lestew il-proċess ta' awtorizzazzjoni. Billi dik l-informazzjoni ssir disponibbli għall-pubbliku, l-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju suppost li jkunu jistgħu jivverifikaw l-awtentiċità u l-affidabbiltà tal-fornituri, u b'hekk jiġi promoss livell għoli ta' sigurtà u fiduċja fl-ekosistema tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju.

- (42) Is-sorveljanza effettiva mill-korpi superviżorji, mogħtija setgħat suffiċjenti u pprovduti b'riżorsi adegwati, hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-Kartieri Ewropej tan-Negozju magħmula disponibbli fl-Unjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Biex din is-sorveljanza u dan l-għarfien espert rilevanti jiġu żgurati bl-aħjar mod, u sabiex jiġu żgurati l-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament lil fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għajr l-entitajiet tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiddeżinjaw awtorità kompetenti biex taġixxi bħala l-korp superviżorju għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu awtoritajiet ġodda jew jiddependu fuq awtoritajiet eżistenti stabbiliti fit-territorju tagħhom jew jiddeżinjaw, bi ftehim reċiproku ma' Stat Membru ieħor, korp superviżorju stabbilit f'dak l-Istat Membru l-ieħor.
- (43) Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni xierqa biex tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva bejn il-korpi superviżorji deżinjati skont dan ir-Regolament, l-Artikolu 46b tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 u l-awtoritajiet kompetenti deżinjati jew stabbiliti skont l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹²). Billi l-awtoritajiet kompetenti huma entitajiet distinti, jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib u fil-ħin, inkluż billi jiskambjaw informazzjoni rilevanti biex jiżguraw superviżjoni effettiva u l-konformità tal-fornituri tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju mal-obbligi applikabbli skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2022/2555.

¹² Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80–152, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2022/2555/oj>)

(44) Biex jiġi żgurat l-infurzar ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-korpi superviżorji nazzjonali jingħataw is-setgħa li jimponu multi amministrattivi. Huwa neċessarju li jiġu speċifikati l-limitu massimu tal-multi amministrattivi u l-kriterji għad-determinazzjoni tagħhom sabiex jiġi promoss it-trattament ugwali tal-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju madwar l-Unjoni irrispettivament mill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħhom. L-awtorità superviżorja kompetenti jenħtieġ li tivvaluta kull każ individwalment, filwaqt li tqis iċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inklużi n-natura, il-gravità u d-durata tal-ksur, il-konsegwenzi tiegħu u kwalunkwe miżura meħuda biex tiżgura l-konformità u ttaffi l-ħsara. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-regoli stabbiliti fid-dritt nazzjonali li jippermettu lill-korp superviżorju jimponi penali sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, daħħal id-data 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti ta' dawk ir-regoli.

(45) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern u biex jiġu mħarsa d-drittijiet tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, huwa neċessarju li jiġi stabbilit mekkaniżmu li jippermetti lill-Kummissjoni tintervjeni f'każijiet fejn fornitur ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju jkun sistemikament mhux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u meta l-awtoritajiet kompetenti rilevanti ma jkunux hađu azzjonijiet ta' rimedju effettivi, f'waqthom u proporzjonati. F'ċirkostanzi bħal dawn, u meta n-natura jew il-persistenza tan-nuqqas ta' konformità tista' taffettwa s-suq intern b'mod negattiv, jenħtieġ li jkun iġġustifikat intervent fil-livell tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi u effettiva ta' dan ir-Regolament. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li twettaq evalwazzjoni tal-konformità f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u l-fornitur ikkonċernat. Jenħtieġ li dik l-evalwazzjoni tqis kif xieraq in-natura, il-gravità u d-durata tan-nuqqas ta' konformità, l-impatt reali u potenzjali tiegħu fuq is-suq intern kif ukoll id-drittijiet tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju affettwati, f'konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tal-proċess dovut. Meta l-evalwazzjoni tikkonferma li l-kundizzjonijiet għal intervent tal-Unjoni jkunu ssodisfati, jenħtieġ li l-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-fornitur u wara li l-fornitur ikollu l-opportunità biex jirrimedja n-nuqqas ta' konformità, tkun tista' tadotta deċiżjoni biex tissospendi temporanjament lill-fornitur mil-lista ta' fornituri fdati stabbilita skont l-Artikolu 12. Abbażi ta' deċiżjoni bħal din, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji rilevanti jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-fornitur jikkonforma ma' dan ir-Regolament u jenħtieġ li jirrappurtaw lill-Kummissjoni fil-ħin dwar il-miżuri meħuda u l-eżitu tagħhom. Meta jintwera li l-azzjonijiet ta' rimedju huma effettivi, jenħtieġ li l-Kummissjoni ttemm is-sospensjoni tal-fornitur mil-lista fi żmien jumejn tax-xogħol minn meta tirċievi l-prova tal-konformità.

(46) Jenħtieġ li l-Grupp ta' Kooperazzjoni stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 jingħata r-responsabbiltà addizzjonali li jikkoordina l-prattiki u l-politiki nazzjonali relatati ma' dan ir-Regolament u jiffaċilita d-diskussjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti rigward l-applikazzjoni u l-infurzar tar-Regolament, u b'hekk jintlaħqu l-oġġettivi tal-istabbiliment tal-Grupp ta' Kooperazzjoni[...] u jinżamm l-għarfien espert għall-benefiċċju tal-implimentazzjoni tal-qafas tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju.

- (47) Sabiex jiġu appoġġati adożżjoni u interoperabbiltà effettivi, jenħtieġ li l-korpi kollha tas-settur pubbliku jkunu meħtieġa jippermettu l-użu tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju fil-proċeduri amministrattivi rilevanti kollha għall-finijiet tal-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni, l-iffirmar jew l-issigilljar ta' dokumenti, is-sottomissjoni ta' dokumenti u t-trażmissjoni jew ir-riċevuta ta' notifiċi. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-korpi tas-settur pubbliku jiżguraw li l-użu tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju mill-operaturi ekonomiċi jkun possibbli u li, fejn jikkonċerna l-wasla jew il-komunikazzjoni ta' dokumenti jew notifiċi, dawn ikunu jistgħu jaċċessaw il-mezz ta' komunikazzjoni sigur tal-Kartieri tan-Negożju. Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni bla xkiel u interoperabbli ta' dan ir-Regolament f'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-korpi tas-settur pubbliku jippermettu l-użu ta' Kartiera Ewropea tan-Negożju sabiex jirċievu jew jibagħtu dokumenti u notifiċi. Jenħtieġ li l-obbligu tal-korpi tas-settur pubbliku li jaċċettaw il-Kartieri Ewropej tan-Negożju mill-operaturi ekonomiċi ma jaffettwax is-sistemi użati għall-iskambju jew għas-sottomissjoni ta' dokumenti jew ta' data bejn l-awtoritajiet kompetenti.
- (48) *imħassar*
- (49) Il-Kartieri Ewropej tan-Negożju jikkontribwixxu għall-provvediment ta' servizz pubbliku diġitali transfruntier skont it-tifsira tal-Att dwar Ewropa Interoperabbli (UE) 2024/903. Il-valutazzjoni meħtieġa skont dak ir-Regolament twettqet, u r-rapport li rriżulta ser jiġi ppubblikat fuq il-Portal Ewropa Interoperabbli.
- (50) Sabiex jiġi żgurat li l-ekosistema tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju tkompli tissodisfa l-ħtiġijiet tal-operaturi ekonomiċi u tal-korpi tas-settur pubbliku, huwa neċessarju li jiġu vvalutati l-implimentazzjoni u l-impatt tagħha fid-dawl tal-għan ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni jenħtieġ li tqis ir-riskju ta' frammentazzjoni legali fis-suq intern fir-rigward tas-sottomissjoni elettronika tad-dokumenti u l-attestazzjonijiet tal-attributi kif ukoll l-iżviluppi teknoloġiċi u l-progressjoni tas-suq għall-Kartieri Ewropej tan-Negożju u għas-servizzi fiduċjarji assoċjati.

- (51) Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-korpi tas-settur pubbliku ma jeħtiġux li l-istess informazzjoni jew dokumenti jerġgħu jiġu sottomessi permezz ta' mezzi fiżiċi jew diġitali alternattivi, jew bil-kontra, ladarba dawn ikunu ġew trażmessi b'mod validu permezz tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju f'konformità ma' dan ir-Regolament. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jadottawx u lanqas iżommu rekwiżiti nazzjonali addizzjonali fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, sakemm dan ma jkunx previst espliċitament fih, peress li dan jaffettwa l-applikazzjoni diretta u uniformi tiegħu.
- (52) Sabiex ikun jista' jkun hemm aċċess effettiv għall-proċeduri u għas-swieq tal-Unjoni u sabiex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-operaturi ekonomiċi stabbiliti barra mill-Unjoni fil-qafas tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju, huwa neċessarju li l-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju ikunu jistgħu joħorġu Kartieri Ewropej tan-Negozju lil tali operaturi, dment li l-identità tagħhom tkun tista' tiġi vverifikata b'livell għoli ta' ċertezza. Sabiex jiġu evitati reġistrazzjonijiet duplikati u biex tiġi ssalvagwardata l-integrità tas-suq intern, jenħtieġ li tali operaturi ma jitħallewx jiksbu aktar minn sett wieħed ta' data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju u identifikatur uniku wieħed. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkooperaw biex itaffu r-riskju ta' reġistrazzjonijiet duplikati u jiżguraw l-uniċità tar-reġistrazzjonijiet tal-operaturi ekonomiċi stabbiliti barra l-Unjoni.
- (53) L-att ta' implimentazzjoni dwar ir-rekwiżiti u l-proċeduri għall-identifikatur uniku jenħtieġ li jinkludi l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tiegħu lil operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi. B'mod partikolari, jenħtieġ li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li jippromwovu l-koordinazzjoni bejn il-fornituri tad-data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju, filwaqt li jiżgura li kull operatur ekonomiku ta' pajjiż terz jiġi attribwit identifikatur uniku wieħed biss għall-finijiet tad-data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju. Qabel ma tingħata Kartiera Ewropea tan-Negozju lil operatur ekonomiku stabbilit barra mill-Unjoni, jenħtieġ li l-fornitur rilevanti jikkonferma li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet għall-verifika tal-identità tal-operatur ekonomiku. Dan jenħtieġ li jippermetti lil operaturi ekonomiċi minn pajjiżi terzi jużaw il-Kartieri Ewropej tan-Negozju, filwaqt li jippreserva s-sigurtà u l-affidabbiltà tal-ekosistema.

- (54) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-rikonossiment u tal-interoperabbiltà tal-kartieri tan-negozju jew ta' sistemi u ta' qafas simili minn pajjiżi terzi biex jiġu appoġġati u promossi s-sħubijiet u l-kooperazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom sistemi jew qafas simili bħal dawn jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³.
- (55) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 joffri mezz sigur u konvenjenti biex iċ-ċittadini u r-residenti tal-Unjoni li jinsabu fl-Unjoni, kif definit fid-dritt nazżjonali, jidentifikaw ruħhom u jaċċessaw is-servizzi online. Dan jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li jiġu pprovduti Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali lill-persuni ġuridiċi, minkejja nuqqas ta' ċarezza dwar l-implimentazzjoni teknika speċifika tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għall-persuni ġuridiċi. Din l-inċertezza dwar l-iskop u l-funzjonament tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għall-persuni ġuridiċi żżid il-kumplessità legali u teknika għall-Istati Membri. Għalhekk, huwa neċessarju li l-Artikolu 5a tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 jiġi emendat biex jiġi żgurat li l-ħruġ obligatorju tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jirrigwarda biss lil persuni fiżiċi.
- (56) Il-qafas stabbilit minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdi infrastruttura diġitali sigura mifruxa mal-Unjoni kollha, u għalhekk jenħtieġ li dan ikun jikkostitwixxi l-istrument prinċipali għal tali finijiet. Sabiex jiġu realizzati bis-sħiħ il-benefiċċji tal-qafas tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju kemm għall-operaturi ekonomiċi kif ukoll għall-korpi tas-settur pubbliku, huwa neċessarju li jiġi promoss l-użu tal-kartiera bħala l-għodda awtomatika għall-identifikazzjoni, għall-awtentikazzjoni, u għall-iskambju b'mod diġitali u sigur ta' dokumenti u ta' attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi.

¹³ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

- (57) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni koerenti u orizzontali fis-setturi kollha tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jitnaqqsu l-kostijiet amministrattivi fuq l-operaturi ekonomiċi u tittejjeb l-effiċjenza baġitarja, jenħtieġ li d-dritt tal-Unjoni dwar l-identifikazzjoni, l-awtentikazzjoni, jew l-iskambju elettroniċi ta' dokumenti, notifiki, jew attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi, b'mod partikolari fejn huma stabbiliti rekwiżiti tekniċi, sistemi jew protokollu speċifiċi, jiġi applikat b'mod konsistenti ma' dan ir-Regolament. Għaldaqstant, kwalunkwe inizjattiva leġiżlattiva jew mhux leġiżlattiva futura f'dawn l-oqsma jenħtieġ li tosserva l-prinċipju tal-Kartiera tan-Negozju b'mod Awtomatiku u jenħtieġ li titfassal u tiġi żviluppata biex tibni fuq il-Kartieri Ewropej tan-Negozju u tippermetti l-użu tagħhom. Meta allinjament bħal dan ma jkunx possibbli, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi ġustifikazzjoni bil-miktub, permezz ta' Valutazzjoni tal-Impatt, li takkumpanja l-inizjattiva rilevanti, li tistabbilixxi r-raġunijiet għaliex ma setgħux jintużaw il-Kartieri Ewropej tan-Negozju. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa u tirrieżamina dan ir-Regolament sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, daħħal id-data 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] imbagħad kull erba' snin wara dan u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rieżami huwa essenzjali għall-valutazzjoni tar-rilevanza kontinwa tal-funzjonijiet ewlenin u tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi preskritti, speċjalment dawk assoċjati mal-QERDS bħala mezz ta' komunikazzjoni sigur, fil-kuntest tal-aħħar avvanzi teknoloġiċi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa l-proċeduri ta' notifika għall-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, kif ukoll l-implimentazzjoni u l-effettività tar-regoli dwar il-penali stabbiliti mill-Istati Membri, biex tevalwa l-iżviluppi tas-suq u l-livelli ta' konformità.
- (58) Minħabba li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġġettivi.

- (59) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁴⁾, u ta opinjoni fl-20 ta' Jannar 2026.

Kapitolu I - Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jippermetti l-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni diġitali, il-kondiviżjoni tad-data u n-notifiki legalment validi, inaqas il-piżijiet amministrattivi u l-kostijiet ta' konformità, u jappoġġa l-kummerċ transfruntier u l-kompetittività. B'mod partikolari:

- (1) jistabbilixxi qafas għall-forniment ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju;
- (2) jistabbilixxi l-prinċipju ta' ekwivalenza, li jipprevedi li l-effett legali tal-azzjonijiet u t-tranżazzjonijiet imwettqa permezz ta' Kartiera Ewropea tan-Negozju jkun ekwivalenti għal azzjonijiet u tranżazzjonijiet legalment imwettqa wiċċ imb wiċċ, fuq karta, jew permezz ta' kwalunkwe mezz jew proċess ieħor li kieku jitqies li huwa konformi mar-rekwiżiti legali, amministrattivi jew proċedurali applikabbli;
- (3) jistabbilixxi regoli għall-ħruġ ta' data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju għall-identifikazzjoni ta' operaturi ekonomiċi u korpi tas-settur pubbliku;
- (4) jistabbilixxi d-Direttorju Diġitali Ewropew;
- (5) jaħtar l-identifikatur uniku Ewropew (EUID), kif stabbilit u rregolat mid-Direttiva (UE) 2017/1132, bħala l-identifikatur uniku għas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, u jistabbilixxi identifikatur uniku simili għas-sidien ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju li għalihom l-Identifikatur Uniku Ewropew ma huwiex disponibbli;

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

- (6) jistabbilixxi l-mekkaniżmu ta' awtorizzazzjoni li skontu l-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom ikunu jistgħu joffru dawn il-kartieri;
- (7) jistabbilixxi l-obbligi għall-korpi tas-settur pubbliku dwar il-Kartieri Ewropej tan-Negozju;
- (8) jipprovdi qafas għas-superviżjoni tal-entitajiet tal-Unjoni, fejn tali korpi tas-settur pubbliku jipprovdu Kartieri Ewropej tan-Negozju lil entitajiet oħra tal-Unjoni;
- (9) jipprovdi qafas għar-rikonoxximent ta' sistemi ta' pajjiżi terzi simili għall-Kartieri Ewropej tan-Negozju u għall-ħruġ ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju lil operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-forniment u l-aċċettazzjoni tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju u l-ħruġ u l-aċċettazzjoni tad-data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju, u għall-użu tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju mill-operaturi ekonomiċi u mill-korpi tas-settur pubbliku.
2. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għas-sistemi u l-proċeduri eżistenti mandati mid-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali li jirregola l-iskambju ta' dokumenti u data bejn l-awtoritajiet kompetenti.
- 2a. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri għal finijiet ta' ordni pubbliku u ta' sigurtà pubblika u ta' difiża.

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "Kartiera Ewropea tan-Negozju" tfisser soluzzjoni diġitali li tippermetti lis-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jirċievu, jaħżnu, jimmaniġġaw, jikkombinaw u jippreżentaw b'mod sigur id-data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju u l-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi lil partijiet dipendenti fuq il-Kartiera Ewropea tan-Negozju għall-finijiet li ġejjin:
 - (a) biex jawtentikaw u jipprovdu d-data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju meħtieġa minn parti dipendenti fuq il-Kartiera Ewropea tan-Negozju;
 - (b) biex jaċċessaw u jużaw attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi, firem elettroniċi, siġilli elettroniċi, servizzi ta' konsenja elettroniċi rreġistrati, u timbri tal-ħin elettroniċi;
 - (c) biex joħolqu, jimmaniġġaw u jiddelegaw awtorizzazzjonijiet lill-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju;u li jistgħu jappoġġaw funzjonalitajiet addizzjonali f'konformità ma' dan ir-Regolament;
- (2) "data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju" tfisser sett ta' data li jippermetti li tiġi stabbilita l-identità ta' sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju u li jinħareġ minn fornitur ta' data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju;
- (3) "fornitur ta' data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju" tfisser fornitur ta' servizz fiduċjarju kwalifikat jew korp tas-settur pubbliku li joħorġu data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju;
- (4) "operatur ekonomiku" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, inkluż iżda mhux limitat għal kumpaniji, sħubijiet, fondazzjonijiet, assoċjazzjonijiet kif ukoll negozjanti waħedhom u persuni b'impjeg indipendenti jew grupp ta' tali persuni, li jaġixxu f'kapaċità kummerċjali jew professjonali;

- (5) "korp tas-settur pubbliku" tfisser entità tal-Unjoni, awtorità nazzjonali, statali, reġjonali jew lokali, korp regolat bid-dritt pubbliku jew assoċjazzjoni magħmula minn waħda jew minn bosta minn tali entitajiet jew korpi, jew entità privata mandata minn dawn l-entitajiet, l-awtoritajiet, il-korpi jew l-assoċjazzjonijiet biex tipprovdi servizzi pubbliċi, meta taġixxi skont tali mandat;
- (6) "entità tal-Unjoni" tfisser istituzzjoni, korp u organu tal-Unjoni stabbilita mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, jew skonthom;
- (7) "sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju" tfisser operatur ekonomiku jew korp tas-settur pubbliku li għandu Kartiera Ewropea tan-Negozju;
- (8) "servizz fiduċjarju" tfisser servizz fiduċjarju kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (16), tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
- (9) "attribut" tfisser attribut kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (43), tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
- (10) "attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi" tfisser attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (44) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
- (11) "attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi" tfisser attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (45) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
- (12) "Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali" tfisser il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (42) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
- (13) "firma elettronika" tfisser firma elettronika kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (10) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
- (14) "firma elettronika kwalifikata" tfisser firma elettronika kwalifikata kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (12) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
- (15) "siġill elettroniku" tfisser siġill elettroniku kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (25) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;

- (16) "siġill elettroniku kwalifikat" tfisser siġill elettroniku kwalifikat kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (27) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
- (17) "timbru tal-ħin elettroniku kwalifikat" tfisser timbru tal-ħin elettroniku kwalifikat kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (34) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
- (18) *imħassar*
- (19) "awtorizzazzjoni" tfisser l-għoti jew ir-rikonoxximent ta' dritt jew permess minn sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju lil utent tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju biex iwettaq azzjonijiet speċifikati dwar riżorsi jew funzjonalitajiet speċifikati, u d-deċiżjoni korrispondenti dwar il-kontroll tal-aċċess li tippermetti kull talba konkreta f'konformità mal-politika applikabbli dwar il-kontroll tal-aċċess u kwalunkwe kundizzjoni meħtieġa ta' Kartiera Ewropea tan-Negozju deżinjata;
- (20) "dokument elettroniku" tfisser dokument elettroniku kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (35) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
- (21) "servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja rreġistrat" tfisser servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja rreġistrat kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (37) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
- (22) "otent tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew persuna fiżika li tirrappreżenta persuna fiżika jew ġuridika oħra, li tuża l-Kartieri Ewropej tan-Negozju pprovduti f'konformità ma' dan ir-Regolament;
- (23) "parti dipendenti fuq il-Kartiera Ewropea tan-Negozju" tfisser persuna fiżika, operatur ekonomiku jew korp tas-settur pubbliku li jiddependu fuq il-Kartieri Ewropej tan-Negozju;
- (24) "attestazzjoni tal-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju" tfisser oġġett tad-data li jiddeskrivi l-komponenti tal-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju jew li jippermetti l-awtentikazzjoni u l-validazzjoni ta' dawk il-komponenti;

- (25) "unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju" tfisser konfigurazzjoni unika ta' soluzzjoni tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju li tinkludi front-end tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju u back-end tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju pprovduta minn fornitur ta' Kartieri Ewropej tan-Negożju lil sid speċifiku ta' Kartiera Ewropea tan-Negożju;
- (26) "soluzzjoni tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju" tfisser kombinament ta' software, hardware, servizzi, settings u konfigurazzjonijiet, inkluż il-front-end u l-back-end tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju;
- (27) "assi kritiċi" tfisser assi fi ħdan jew b'rabta ma' unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju li jkollhom importanza tant straordinarja li meta jiġu kompromessi d-disponibbiltà, il-kunfidenzjalità jew l-integrità tagħhom, dan iħalli effett debilitanti serju ħafna fuq il-kapaċità li persuna tibbaża fuq dik l-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju;
- (28) *imħassar*
- (29) *imħassar*
- (30) "fornitur ta' servizz fiduċjarju" tfisser fornitur ta' servizz fiduċjarju kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (19) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
- (31) "fornitur ta' servizz fiduċjarju kwalifikat" tfisser fornitur ta' servizz fiduċjarju kwalifikat kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (20) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
- (32) "attestazzjoni elettronika tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku" tfisser attestazzjoni elettronika tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (46) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
- (33) "sors awtentiku" tfisser sors awtentiku kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (47) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;

- (33a) "inċident sinifikanti" tfisser inċident skont it-tifsira tal-Artikolu 23(3) tad-Direttiva (UE) 2022/2555;
- (34) "skema għall-attestazzjoni" tfisser sett ta' regoli applikabbli għal tip wieħed jew aktar ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi;
- (35) "katalogu tal-iskemi" tfisser repożitorju diġitali li jelenka l-iskemi għall-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi rreġistrati f'konformità ma' dan ir-Regolament, u li jinżamm u jiġi ppubblikat online mill-Kummissjoni;
- (36) "Identifikatur Uniku Ewropew" tfisser l-Identifikatur Uniku Ewropew imsemmi fid-Direttiva (UE) 2017/1132;
- (37) "reġistru nazzjonali" tfisser bażi tad-data jew sistema uffiċjali stabbilita u miżmuma minn gvern nazzjonali jew l-awtorità deżinjata tiegħu jew f'isimhom, li tirreġistra, taħżen, u timmaniġġa informazzjoni li tappartjeni għall-korpi tas-settur pubbliku u għall-operaturi ekonomiċi;
- (38) "API" jew "Interfaċċa għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet" tfisser sett ta' definizzjonijiet u protokoll għall-bini u għall-integrazzjoni ta' software tal-applikazzjonijiet għall-kondiviżjoni tad-data;
- (39) "sottomissjoni" tfisser kwalunkwe trażmissjoni ta' data, fajls, formoli, jew rekords strutturati jew mhux strutturati bejn korp tas-settur pubbliku u operatur ekonomiku, bejn operaturi ekonomiċi jew bejn korpi tas-settur pubbliku, fejn tali trażmissjoni hija meħtieġa, mitluba, jew permessa skont id-dritt tal-Unjoni jew skont id-dritt nazzjonali, u hija maħsuba biex tappoġġa skop legali, amministrattiv jew proċedurali;

- (40) "notifika" tfisser kwalunkwe trażmissjoni ta' informazzjoni, deċiżjonijiet, talbiet, jew rikonoxximenti bejn korp tas-settur pubbliku u operatur ekonomiku, bejn operaturi ekonomiċi jew bejn korpi tas-settur pubbliku, li hija meħtieġa, mitluba, jew permessa skont id-dritt tal-Unjoni jew id-dritt nazzjonali, u hija maħsuba biex tipproduċi effetti legali jew tinforma lir-riċevitur bid-drittijiet, bl-obbligi, jew bl-iżviluppi proċedurali;
- (41) "proċedura amministrattiva" tfisser sekwenza ta' azzjonijiet, definiti mid-dritt tal-Unjoni jew dik nazzjonali, li jridu jittieħdu minn operaturi ekonomiċi jew korpi tas-settur pubbliku biex jikkonformaw mal-obbligi, jagħtu informazzjoni, jew jiksbu deċiżjoni, awtorizzazzjoni, servizz jew benefiċċju minn korp tas-settur pubbliku fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet amministrattivi;
- (42) "front-end tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju" tfisser il-komponent tal-interfaċċa tal-utent tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju, irrISPETTIVAMENT mill-pjattaforma jew mill-fattur tal-forma, li jinteraġixxi mal-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju, u li huwa parti mill-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju;
- (43) "back-end tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju" tfisser il-komponenti fin-naħa tas-server, inkluż is-software, is-servizzi, u l-infrastruttura, li jipprovdu l-funzjonalità u l-appoġġ meħtieġa għall-front-end tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju, u li jiffurmaw parti mill-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju.

Kapitolu II – Kartieri Ewropej tan-Negozju

Artikolu 4

Prinċipju ta' ekwivalenza

Meta sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju jew utent awtorizzat tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jagħmel użu minn kwalunkwe wieħed mis-servizzi fiduċjarji kwalifikati li jagħmlu parti mill-funzjonalitajiet ewlenin ta' Kartiera Ewropea tan-Negozju msemmija fl-Artikolu 5(1), l-azzjoni li tirriżulta għandu jkollha l-istess effett legali daqslikienu l-azzjoni twettqet legalment wiċċ imb wiċċ, fuq karta, jew permezz ta' kwalunkwe mezz jew proċess ieħor li kieku jitqies li huwa konformi mar-rekwiżiti legali, amministrattivi jew proċedurali applikabbli.

Meta persuna b'impjeg indipendenti jew kummerċjant waħdieni jagħmel użu mis-servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja rreġistrat fiċ-ċirkostanzi stipulati fl-Artikolu 5(3), l-azzjoni li tirriżulta għandu jkollha l-istess effett legali daqslikienu l-azzjoni twettqet legalment wiċċ imb wiċċ, fuq karta, jew permezz ta' kwalunkwe mezz jew proċess ieħor li kieku jitqies li huwa konformi mar-rekwiżiti legali, amministrattivi jew proċedurali applikabbli.

Meta l-liġi eżistenti tal-UE jew dik nazzjonali tinkludi rekwiżiti relatati mal-formati elettroniċi bħala parti minn proċedura amministrattiva, tali rekwiżiti jibqgħu applikabbli u għandhom jiġu osservati.

Artikolu 5

Funzjonalitajiet ewlenin tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju

1. Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jiżguraw li l-Kartieri Ewropej tan-Negozju li jipprovdu jippermettu lis-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jagħmlu użu mill-funzjonalitajiet ewlenin li ġejjin:
 - (a) li jitolbu, jiksbu, jagħżlu, jgħaqqdu, jaħżnu, iħassru, jikkondividu u jippreżentaw b'mod sigur l-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi;
 - (b) li jiżvelaw b'mod selettiv id-data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju u l-attributi li jinsabu fl-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi, fil-kuntest tal-funzjonalitajiet elenkati fil-punt (a);
 - (c) li b'mod sigur jitolbu u jikkondividu d-data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju u l-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi bejn il-Kartieri Ewropej tan-Negozju, il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali u mal-partijiet dipendenti fuq il-Kartiera Ewropea tan-Negozju;
 - (d) li jiffirmaw permezz ta' firem elettroniċi kwalifikati u japplikaw siġill permezz ta' siġilli elettroniċi kwalifikati, kif applikabbli;
 - (e) li jorbtu d-data f'forma elektronika ma' ħin partikolari permezz ta' timbri tal-ħin elettroniċi kwalifikati;

- (f) li jkollhom attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi maħruġa b'mod sigur mill-fornitur fisem is-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju. Dawn l-attributi għandhom ikunu relatati ma' data li għaliha s-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju jkun is-sors primarju għall-Kartieri Ewropej tan-Negożju u l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali;
- (g) li jorbtu lill-attezzjonijiet elettroniċi tal-attributi maħruġa skont il-punt (f) ma' attestazzjonijiet elettroniċi oħra tal-attributi li jiffurmaw parti minn katina;
- (h) li jippermettu l-użu ta' attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati u mhux kwalifikati tal-attributi biex is-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju u l-utenti awtorizzati tagħhom tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju jkunu jistgħu jawtentikaw ruħhom;
- (i) li jittrażmettu u jirċievu dokumenti elettroniċi u data permezz tas-servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja rreġistrat stipulat fl-Anness;
- (j) li jawtorizzaw lil diversi utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju jaċċessaw u joperaw il-Kartiera Ewropea tan-Negożju tas-sid, u lis-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju jimmaniġġa u jirrevoka l-awtorizzazzjonijiet, inkluż l-awtorizzazzjonijiet assoċjati mar-rwoli għall-finijiet ta' aċċess għall-Kartiera Ewropea tan-Negożju u l-operat tagħha u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe prokura jew mandat legali;
- (k) li jawtorizzaw lill-partijiet dipendenti fuq il-Kartiera Ewropea tan-Negożju jitolbu attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi maħruġa lis-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju, u biex is-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju jiġġestixxi u jirrevoka tali awtorizzazzjonijiet;
- (l) li jesportaw id-data tagħhom, anke d-data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju, l-attezzjonijiet elettroniċi tal-attributi, ir-reġistri tal-komunikazzjoni, u r-rekords tat-tranżazzjonijiet, f'format strutturat, li jintuża komunement u li jinqara mill-magni, f'każ ta' terminazzjoni tas-servizz jew revoka tan-notifika tal-fornitur tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju;

- (la) li jimportaw id-data tagħhom kif elenkat fil-punt (l) biex jibbenefikaw mill-portabbiltà tad-data fost il-fornituri tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju;
 - (m) li jaċċessaw reġistru tal-komunikazzjoni u t-tranżazzjonijiet kollha;
 - (n) li jaċċessaw dashboard għall-aċċess tal-komunikazzjonijiet skambjati u għall-ħżin u għall-verifika tagħhom permezz tas-servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja rreġistrat imsemmi fil-punt (i).
2. Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jistgħu joffru funzjonalitajiet addizzjonali lil hinn minn dawk elenkati fil-paragrafu 1 dment li tali funzjonalitajiet ma jinteferux mal-kunfidenzjalità, mad-disponibbiltà, jew mal-integrità tal-funzjonalitajiet ewlenin minimi, u mal-affidabbiltà u mal-interoperabbiltà tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju li jipprovdu, u lanqas ma jikkompromettuhom.
 3. Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jippermettu l-forniment tas-servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja rreġistrat imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (i) bħala servizz awtonomu lill-utenti tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.
 4. Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jimplementaw il-funzjonalitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness.
 5. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, daħħal id-data – sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi lista ta' standards ta' referenza u, fejn meħtieġ, tistabbilixxi speċifikazzjonijiet u proċeduri għall-funzjonalitajiet ewlenin tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, inkluż dawk kritiċi għall-interoperabbiltà u s-sigurtà u dawk rilevanti għall-konformità tal-Istati Membri mal-Artikolu 16, imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19.

Karatteristiċi tekniċi għall-Kartieri Ewropej tan-Negozju

1. Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jiżguraw li l-Kartieri Ewropej tan-Negozju li jipprovdu jappoġġaw protokollu u interfaċċi komuni:
 - (a) għall-ħruġ ta' data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju, attestazzjonijiet elettroniki kwalifikati u mhux kwalifikati tal-attributi, attestazzjoni elettronika tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku u ċertifikati kwalifikati u mhux kwalifikati għall-Kartieri Ewropej tan-Negozju;
 - (b) biex il-partijiet dipendenti fuq il-Kartiera Ewropea tan-Negozju jitolbu u jivvalidaw id-data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju u l-attestazzjonijiet elettroniki tal-attributi;
 - (c) għall-kondiviżjoni u għall-preżentazzjoni lill-partijiet dipendenti fuq il-Kartiera Ewropea tan-Negozju ta' data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, tal-attestazzjoni elettronika tal-attributi u tad-data żvelata b'mod selettiv;
 - (d) biex jippermettu l-interazzjoni mal-Kartieri Ewropej tan-Negozju b'mod awtomatiku mingħajr intervent manwali jew permezz ta' azzjoni diretta mill-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju;
 - (e) għall-onboarding sigur tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju mill-bogħod permezz ta' rappreżentant legali jew persuni oħra li legalment għandhom is-setgħa li jwettqu l-proċess ta' onboarding b'mezz ta' identifikazzjoni elettronika, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (2) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, u li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-livell ta' assigurazzjoni "għoli";
 - (f) għall-interazzjoni bejn il-Kartieri Ewropej tan-Negozju, u bejn il-Kartieri Ewropej tan-Negozju u l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali bl-għan li jirċievu, jivvalidaw u jikkondividu d-data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju u l-attestazzjonijiet elettroniki tal-attributi b'mod sigur;

- (g) għall-awtentikazzjoni tal-partijiet dipendenti fuq il-Kartiera Ewropea tan-Negożju permezz tal-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' awtentikazzjoni, fejn tkun meħtieġa l-awtentikazzjoni;
 - (h) għall-verifika tal-awtenticià u l-validità tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju;
 - (i) għall-forniment tas-servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja rreġistrat imsemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (i), inkluż interfaċċa għad-Direttorju Diġitali Ewropew stabbilita skont l-Artikolu 10;
 - (j) għall-assenjazzjoni lil kull sid ta' Kartiera Ewropea tan-Negożju, għall-finijiet tas-servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja rreġistrat imsemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (i) u d-tad-Direttorju Diġitali Ewropew imsemmi fl-Artikolu 10, mill-inqas indirizz diġitali uniku wieħed;
 - (k) għall-forniment ta' attestazzjonijiet tal-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju lill-unitajiet kollha tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju;
- 1a. Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju għandhom jipprovdu, bħala servizz awtonomu, lill-korpi tas-settur pubbliku rikjedenti li mhumiex sidien ta' Kartieri Ewropej tan-Negożju, indirizz diġitali uniku għall-finijiet li jiġu elenkati fid-Direttorju Diġitali Ewropew u li jippermettu s-servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja rreġistrat imsemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (i).
2. Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju għandhom ukoll:
- (a) jiżguraw li d-data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju tkun marbuta b'mod kriptografiku mal-Kartiera Ewropea tan-Negożju tas-sid;
 - (b) jiżguraw li, għall-finijiet tal-funzjonalità msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punt (j):
 - l-immappjar bejn ir-rwoli u l-attributi jkun verifikabbli, jista' jiġi awditjat, revokabbli u traċċabbli għall-emittenti leġittimi tagħhom;
 - il-kunflitti bejn ir-rwoli, id-delega eċċessiva, jew l-awtorizzazzjonijiet skaduti jiġu identifikati u evitati awtomatikament f'ħin reali;
 - il-loġika tal-awtorizzazzjoni kollha hija interoperabbli bejn il-Kartieri Ewropej tan-Negożju.

- (c) jiżguraw is-sigurtà mid-disinn;
- (d) jipprovdu mekkaniżmu li jippermetti lis-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jitolbu faċilment appoġġ tekniku u jirrapportaw problemi tekniċi li jkollhom impatt negattiv fuq l-użu tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju;
- (e) jipprovdu mekkaniżmi ta' validazzjoni, sabiex jiġi żgurat li l-awtentiċità u l-validità tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju ikunu jistgħu jiġu vverifikati;
- (ea) jagħmlu l-Kartieri Ewropej tan-Negozju li jipprovdu aċċessibbli għall-użu, minn persuni b'diżabilità, fuq bażi ugwali ma' utenti oħra.
- (f) jiżguraw li l-validità tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju tkun tista' tiġi revokata fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:
 - fuq talba espliċita tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju;
 - fejn is-sigurtà tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju tkun ġiet kompromessa;
 - mal-waqfien permanenti jew temporanju tal-attività tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju;
 - fejn il-fornitur tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju ma jkunx inkluż fil-lista msemmija fl-Artikolu 12(3).
- (g) mingħajr dewmien żejjed, jinnotifikaw lill-Kummissjoni:
 - il-mekkaniżmu li jippermetti l-validazzjoni tad-data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju;
 - il-mekkaniżmu li bih jiġu vvalidati l-awtentiċità u l-validità tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-informazzjoni notifikata skont il-paragrafu 2, il-punt (g) ta' dan l-Artikolu disponibbli għall-pubbliku permezz ta' mezz sigur, f'forma ffirmata jew issiġillata elettronicament adatta għall-ipproċessar awtomatizzat.
4. Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jimplimentaw il-funzjonijiet tekniċi previsti fil-paragrafi 1 u 2 f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness u fl-atti ta' implimentazzjoni rilevanti kif stipulati f'dan ir-Regolament.
5. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, daħħal id-data – sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi lista ta' standards ta' referenza u, fejn meħtieġ, tistabbilixxi speċifikazzjonijiet u proċeduri għall-karatteristiċi tekniċi tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, inkluż dawk kritiċi għall-interoperabbiltà u s-sigurtà, bħal għall-iskambju ta' data dwar l-awtorizzazzjonijiet mar-reġistri nazzjonali, u dawk rilevanti għall-konformità tal-Istati Membri mal-Artikolu 16, previsti fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19.

Artikolu 7

Rekwiżiti u obbligi għall-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju

1. Il-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jiġu pprovduti mill-fornituri ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju li huma inklużi fil-lista stabbilita skont l-Artikolu 12(3).
2. Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom ikunu stabbiliti fl-Unjoni, ikollhom il-post prinċipali tan-negozju u l-operazzjonijiet ewlenin tagħhom fl-Unjoni u ma jippreżentawx riskju għas-sigurtà tal-Unjoni. B'mod partikolari ma għandhomx ikunu soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz jew minn entità ta' pajjiż terz.

- 2a. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, daħħal id-data tmien xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tispeċifika l-għodod, l-indikaturi u l-oqfsa ta' valutazzjoni xierqa biex jiġi ddeterminat jekk il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju jippreżentawx riskji għas-sigurtà tal-Unjoni skont it-tifsira ta' dan l-Artikolu, inkluż għall-fini tal-valutazzjoni ta' jekk tali fornituri humiex soġġetti għal kontroll minn pajjiż terz jew minn entità ta' pajjiż terz. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19.
3. Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 19a tar-Regolament (UE) 910/2014.
4. *imħassar*
5. Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju għandhom jikkonformaw mar-[rekwiżiti taċ-ċibersigurtà applikabbli / l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà] stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni u fid-dritt nazzjonali, inkluż dawk relatati mal-identifikazzjoni ta' fornituri b'riskju għoli. Il-fornituri għandhom jiżguraw ukoll li l-fornituri tagħhom tas-software u ta' soluzzjonijiet tas-sigurtà jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti u jikkonformaw mal-istandards u r-rekwiżiti rilevanti tas-sigurtà.
6. Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju għandhom:
 - (a) jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa biex jiżguraw il-kunfidenzjalità, l-integrità, l-awtentiċità u d-disponibbiltà tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju li jipprovdut kif ukoll l-interoperabbiltà tagħhom ma' Kartieri Ewropej tan-Negożju oħrajn u mal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali;
 - b) jiżguraw li s-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju jkunu infurmati b'mod ċar, faċli għall-utent, konċiż u aċċessibbli dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni u l-limitazzjonijiet tal-funzjonalitajiet ewlenin u addizzjonali, l-istandards taċ-ċibersigurtà, u d-drittijiet tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju fir-rigward tal-portabbiltà tad-data, tar-rimedju, u tat-terminazzjoni tas-servizz;

- (c) jiżguraw li s-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju u l-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju awtorizzati tagħhom ikunu infurmati b'mod ċar, faċli għall-utent, konċiż u aċċessibbli, dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju tagħhom, b'mod partikolari, id-dritt li jitolbu revoka tal-attestazzjoni tal-unità tagħhom tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju, permezz tal-mekkaniżmu ta' awtentikazzjoni previst fil-punt 1 tal-Anness;
- (d) jikkooperaw mal-korpi superviżorji kompetenti msemmija fl-Artikolu 13(1), jew mal-Kummissjoni fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 13(10) u 15(1) u jwieġbu mingħajr dewmien żejjed għal kwalunkwe talba għal informazzjoni jew dokumentazzjoni meħtieġa biex tiġi vverifikata l-konformità ma' dan ir-Regolament;
- (e) jinnotifikaw lill-korpi superviżorji nazzjonali rilevanti, jew lill-Kummissjoni fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 15(1), bi kwalunkwe bidla sostantiva fis-servizzi tagħhom, inkluż l-intenzjoni li jwaqqfu l-attivitàjiet, jew fl-istruttura ġenerali tagħhom li jista' jkollha impatt fuq il-konformità tal-fornitur ma' dan ir-Regolament;
- (f) jinnotifikaw lis-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju f'każ ta' sospensjoni, revoka jew terminazzjoni volontarja tas-servizzi offruti mill-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju u f'każ tat-tneħħija tal-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju mil-lista stabbilita skont l-Artikolu 12(3), u jiżguraw it-trasferiment jew it-tħassir tad-data tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju f'konformità mal-istruzzjonijiet tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju, inkluż tad-data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju;
- (g) jiżguraw li l-informazzjoni dwar is-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, skont l-Artikolu 10(2), tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni u li l-informazzjoni inizjalment sottomessa lill-Kummissjoni tinżamm aġġornata u tkun ikkorroborata mill-fornituri tad-data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju permezz tal-ħruġ tal-identifikaturi uniċi msemmija fl-Artikolu 8(5), il-punt (b);

- 6a. Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom iżommu verżjoni dokumentata u aġġornata tal-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 11 (2a), skont il-proċeduri u l-kriterji stipulati fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(2c).
- 6b. Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jaġġornaw, skont il-proċeduri u l-kriterji stipulati fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(2c), l-awtovalutazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(2aa) kull 24 xahar jew immedjatament meta:
- (a) ikun seħħ inċident sinifikanti;
 - (b) issir bidla sostanzjali fl-arkitettura, fil-funzjonijiet tas-sigurtà, fil-komponenti kriptografiċi, fil-fornituri kritiċi jew fil-funzjonalitajiet ewlenin tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju;
 - (c) funzjoni li taffettwa s-sigurtà, il-validità, l-awtentiċità jew il-portabbiltà tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju tiġi sospiża, revokata jew materjalment modifikata;
 - (d) il-valutazzjoni tar-riskju msemmija fil-paragrafu 6a tidentifika riskju ġdid.
- 6c. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, daħħal id-data – sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi lista ta' standards ta' referenza u, fejn meħtieġ, tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri rigward il-paragrafu 3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19.

Data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju

1. Il-fornituri tad-data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom joħroġu d-data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju lill-Kartieri Ewropej tan-Negozju tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju.
 - 1a. Meta s-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jkunu entitajiet tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha toħroġ id-data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju lill-Kartieri Ewropej tan-Negozju ta' dawk l-entitajiet tal-Unjoni.
2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni s-sorsi awtentiċi rilevanti jew il-pjattaforma intermedjarja li taġixxi f'isimhom, għall-verifika tal-attributi meħtieġa għall-ħruġ tad-data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju. Abbażi tal-informazzjoni li tirċievi skont dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli lista tas-sorsi awtentiċi rilevanti notifikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni, f'format li jinqara mill-magni.
3. Id-data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju għandha tinħareġ f'format konformi ma' wieħed mill-istandards elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2979 u bħala:
 - (a) attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi, meta jiġu pprovduti minn fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati;
 - (b) attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi maħruġa minn korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku jew f'ismu, meta jiġu pprovduti minn korp tas-settur pubbliku hekk responsabbli;
 - (c) attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi, meta jiġu pprovduti mill-Kummissjoni.

4. Id-data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju maħruġa mill-Kummissjoni għandu jkollha l-istess effett legali bħall-attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi u l-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi maħruġa minn, jew f'isem, korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku.
5. Id-data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju għandu jkun fiha mill-inqas l-attributi li ġejjin:
 - (a) l-isem uffiċjali tal-operatur ekonomiku jew tal-korp tas-settur pubbliku, kif irreġistrat fir-reġistru jew fir-rekord uffiċjali rilevanti;
 - (b) l-identifikatur uniku rilevanti attribwit f'konformità mal-Artikolu 9.
6. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm skema għall-attestazzjoni għad-data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju. Dik l-iskema għandha tkun elenkata fil-katalogu tal-iskemi għall-attestazzjoni tal-attributi msemmi fl-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1569.
7. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, daħħal id-data – sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi rekwiżiti għad-data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju maħruġa skont dan l-Artikolu, inkluż proċeduri biex l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni s-sorsi awtentiċi rilevanti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19.

Artikolu 9

Identifikaturi uniċi

1. Meta operatur ekonomiku jkun għe attribwit Identifikatur Uniku Ewropew, dak l-identifikatur għandu jintuża bħala l-identifikatur uniku msemmi fl-Artikolu 8(5), il-punt (b) ta' dan ir-Regolament.
2. Meta operatur ekonomiku jew korp tas-settur pubbliku ma jkunx għe attribwit Identifikatur Uniku Ewropew, għandu jinħoloq identifikatur uniku għall-finijiet tad-data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju, fuq talba mill-operatur ekonomiku jew mill-korp tas-settur pubbliku jew mal-forniment ta' Kartiera Ewropea tan-Negożju lil din l-entità, f'konformità mal-paragrafu 4.
3. Meta korp tas-settur pubbliku jkun entità tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha toħloq u tattribwixxi identifikatur uniku għall-finijiet tad-data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju lil dik l-entità tal-Unjoni f'konformità mal-paragrafu 4.
4. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, daħħal id-data – sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi speċifikazzjonijiet, rekwiżiti u proċeduri relatati mal-identifikatur uniku msemmi fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, inkluż miżuri biex tiżgura li s-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju ma jiġux attribwiti aktar minn identifikatur uniku wieħed. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19.

Direttorju Diġitali Ewropew

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, topera u żżomm Direttorju Diġitali Ewropew li għandu jaġixxi bħala s-sors fdat ta' informazzjoni għas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju, u dan għandu jieħu l-forma ta' applikazzjoni tal-web li tinkludi żewġ interfaċċi:
 - (a) interfaċċa li tinqara mill-magni esposta permezz ta' API għall-komunikazzjoni awtomatizzata minn sistema għal sistema;
 - (b) pjattaforma sigura u bbażata fuq il-web li tipprovdi aċċess għall-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju awtentikati u awtorizzati permezz ta' portal online għall-utenti tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju.
2. Għall-fini taż-żamma tad-Direttorju Diġitali Ewropew, il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju għandhom, mal-forniment ta' Kartiera Ewropea tan-Negożju, jipprovdu lill-Kummissjoni l-kategoriji ta' informazzjoni stipulati fil-paragrafu 3a u l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 6.
3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni rilevanti għandha tiġi inkluża fid-Direttorju Diġitali Ewropew.
- 3a. Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju għandhom jipprovdu mill-inqas l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni mal-ħruġ ta' Kartiera Ewropea tan-Negożju lil sid ta' Kartiera Ewropea tan-Negożju:
 - (a) l-isem uffiċjali tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju kif iddikjarat fir-reġistru nazzjonali tal-pajjiż ta' stabbiliment jew tar-residenza abitwali tas-sid;
 - (b) l-identifikatur uniku msemmi fl-Artikolu 9;

- (c) l-indirizz jew l-indirizzi diġitali uniċi msemmija fil-punt (j) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 6;
 - (d) il-pajjiż ta' stabbiliment tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju.
- 3b. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 16, meta korp tas-settur pubbliku ma jkunx sid ta' Kartiera Ewropea tan-Negozju, huwa għandu jipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja għall-fini tal-inklużjoni tagħha fid-Direttorju Diġitali Ewropew:
- (a) l-isem uffiċjali tal-korp tas-settur pubbliku;
 - (b) l-identifikatur uniku msemmi fl-Artikolu 9;
 - (c) l-indirizz jew l-indirizzi diġitali uniċi msemmija fil-paragrafu 1a tal-Artikolu 6;
 - (d) il-pajjiż ta' stabbiliment tal-korp tas-settur pubbliku.
4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel id-Direttorju Diġitali Ewropew aċċessibbli għas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, għall-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju awtorizzati tagħhom, għall-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju u għall-awtoritajiet tal-Istati Membri.
- 4a. Il-fornituri tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju għandhom, mill-inqas darba kull 72 siegħa, jivverifikaw l-informazzjoni dwar is-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju msemmija fil-paragrafu 3a, fejn applikabbli bl-użu ta' mekkaniżmi ta' verifika jew notifikati magħmula disponibbli mis-sorsi awtentiċi rilevanti.
5. Kwalunkwe modifika jew revoka li tikkonċerna l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi kkomunikata mill-fornituri tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju direttament lill-Kummissjoni bil-għan li jinżamm id-Direttorju Diġitali Ewropew, mingħajr dewmien żejjed u, fi kwalunkwe każ, jum tax-xogħol wieħed wara l-wasla ta' tali informazzjoni skont il-paragrafu 4a.

6. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, daħħal id-data – sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi standards u speċifikazzjonijiet tekniċi għall-indirizzi diġitali uniċi u l-kategoriji ta' informazzjoni li għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni għall-finijiet tad-Direttorju Diġitali Ewropew. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19.

Artikolu 11

Awtorizzazzjoni tal-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju

1. L-entitajiet li jkollhom l-intenzjoni li jipprovdu Kartieri Ewropej tan-Negożju għandhom jissottomettu applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni flimkien mal-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 2 lill-korp superviżorju kompetenti.
2. L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) l-isem ġuridiku tal-entità, kwalunkwe isem kummerċjali użat, il-URL tas-sit web, l-indirizz tal-posta elettronika, in-numru tat-telefon, u l-indirizz fiżiku ta' kuntatt;
 - (b) in-numru tar-reġistru tal-entità maħruġ minn reġistru nazzjonali, fejn disponibbli;
 - (c) deskrizzjoni ta' kif il-funzjonalitajiet ewlenin, stipulati fl-Artikolu 5(1), għandhom jiġu offruti mill-Kartieri Ewropej tan-Negożju li l-entità beħsiebha tipprovdi;
 - (d) deskrizzjoni ta' kwalunkwe funzjonalità addizzjonali appoġġata mill-Kartieri Ewropej tan-Negożju li l-entità beħsiebha tipprovdi;

- (e) ir-rapport ta' awtovalutazzjoni inkluż dak imsemmi fil-paragrafu 2aa, li għandu jinkludi:
 - (i) deskrizzjoni tal-pjanijiet ta' terminazzjoni f'każijiet fejn fornitur ta' Kartieri Ewropej tan-Negożju jwaqqaf l-attivitajiet tiegħu, inkluż ta' kif l-informazzjoni tinżamm aċċessibbli;
 - (ii) il-politiki u l-miżuri korrispondenti għall-ġestjoni tar-riskji għall-forniment ta' Kartieri Ewropej tan-Negożju kif imsemmi fl-Artikolu 7(3).
 - (iii) il-politiki u l-miżuri korrispondenti implimentati biex jindirizzaw ir-riskji identifikati fil-valutazzjoni tar-riskju msemmija fil-paragrafu 2a;

2a. L-applikanti għandhom, skont il-proċeduri u l-kriterji stipulati fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2c ta' dan l-Artikolu, iwettqu valutazzjoni tar-riskju li tkopri s-soluzzjoni tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju li beħsiebhom jipprovdu fl-intier tagħha, inkluż ir-riskji li jirriżultaw mid-disinn, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, it-tħaddim, il-manutenzjoni, l-interoperabbiltà, id-dipendenzi u t-terminazzjoni tagħha. Meta l-applikanti jkunu wettqu valutazzjonijiet tar-riskju skont liġi applikabbli oħra tal-Unjoni li jkopru r-riskji li jikkorrispondu għal dawk imsemmija f'dan ir-Regolament jew fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 11, huma ma għandhomx ikunu meħtieġa jwettqu valutazzjoni tar-riskju ulterjuri bl-istess mod u jistgħu jissottomettu dik il-valutazzjoni tar-riskju bħala parti mir-rapport ta' awtovalutazzjoni.

2aa. L-applikanti għandhom juru konformità mar-rekwiżiti fl-Artikolu 5, 6, 7 u l-Anness permezz ta' rapport ta' awtovalutazzjoni li jirriżulta minn awtovalutazzjoni tal-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, inkluż, fejn applikabbli, rapport ta' awtovalutazzjoni pprovdut minn partijiet terzi li minnhom l-applikant jikseb is-servizzi li jaqgħu taħt l-Artikoli 5, 6, 7 u l-Anness u li l-applikant innifsu ma jiprovdux direttament mar-rekwiżiti li japplika għalihom.

- 2b. Meta l-applikanti jew parti terza li mingħandha l-applikant jikseb is-servizzi fiduċjarji kwalifikati rilevanti diġà wrew il-konformità mar-rekwiżiti għas-servizzi fiduċjarji kwalifikati stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 li jikkorrispondu għal dawk elenkati fl-Artikoli 5, 6, 7 u fl-Anness ta' dan ir-Regolament, u jkollhom rapport jew ċertifikat validu tal-valutazzjoni tal-konformità minn korp ta' valutazzjoni tal-konformità skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014, l-applikanti għandhom jissottomettu dawk ir-rapporti jew iċ-ċertifikati tal-valutazzjoni tal-konformità bħala parti mir-rapport ta' awtovalutazzjoni. Fir-rigward ta' dawk ir-rekwiżiti korrispondenti, l-applikanti ma għandhomx ikunu meħtieġa jwettqu awtovalutazzjoni ulterjuri bl-istess mod.
- 2c. Il-Kummissjoni għandha sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, daħħal id-data sena (1) mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tispeċifika l-proċeduri, il-kriterji ta' valutazzjoni u reġistru tar-riskju għall-valutazzjoni tar-riskju u r-rapport ta' awtovalutazzjoni msemmi fil-paragrafu 2, inkluż kif għandhom jitqiesu d-differenzi fil-każijiet jew fis-setturi tal-użu, l-ispeċifikazzjonijiet tat-test għall-interfaċċi, u r-rekwiżiti tad-disponibbiltà tas-servizz. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19.
3. *imħassar*
4. Malli jirċievi applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, il-korp superviżorju għandu jkollu 60 jum biex jirrieżamina l-informazzjoni sottomessa.

Meta dik l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni twassal lill-korp superviżorju biex jikkonkludi li l-informazzjoni hija kompluta u r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament huma sodisfatti, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni fi żmien jumejn tax-xogħol bil-għan li dak il-fornitur jiżdied mal-lista msemmija fl-Artikolu 12(3).

5. Meta dik l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni twassal lill-korp superviżorju biex jikkonkludi li l-informazzjoni ma hijiex kompluta jew li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament mhumiex sodisfatti, huwa għandu jitlob informazzjoni jew spjegazzjonijiet addizzjonali mill-applikant u jistabbilixxi skadenza raġonevoli, li ma taqbiżx 15-il jum kalendarju, għat-tweġiba. Jekk dik l-informazzjoni jew dawk l-ispejgazzjonijiet jippermettu lill-korp superviżorju jikkonkludi li l-informazzjoni hija kompluta u r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament huma sodisfatti, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol bil-għan li dak il-fornitur jiżded mal-lista msemmija fl-Artikolu 12(3). Jekk le, jew jekk ma tasal l-ebda tweġiba, il-korp superviżorju għandu jinforma lill-applikant li ma huwiex ser jiżded mal-lista msemmija fl-Artikolu 12(3).
6. Meta l-korp superviżorju ma jkunx ipprova lill-applikant bi tweġiba sostantiva dwar l-eżitu tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 fi żmien 60 jum kalendarju minn meta jirċievi l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, il-korp superviżorju għandu, mingħajr dewmien żejjed, jinforma lill-applikant bir-raġunijiet għad-dewmien u l-perjodu li fih ir-rieżami għandu jiġi konkluż, li ma għandux jaqbeż 1-20 jum kalendarju. Wara dan il-perjodu, il-korp superviżorju għandu jasal għal konklużjoni dwar l-applikazzjoni u jinforma lill-applikant dwar dan mingħajr dewmien żejjed.
7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jkollhom id-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra deċiżjoni tal-awtorità superviżorja, jew in-nuqqas tagħha, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew mhux ġudizzjarju ieħor, f'każijiet fejn l-awtorità superviżorja tirrifjuta li telenkahom bħala fornitur tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju jew ma tieħu l-ebda deċiżjoni fi żmien raġonevoli.

Lista tal-fornituri awtorizzati tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju

1. Il-korpi superviżorji għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni pprovduta skont l-Artikolu 11, fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn meta jsiru konxji ta' kwalunkwe bidla.
2. L-informazzjoni pprovduta mill-korpi superviżorji msemmija fl-Artikolu 11 u fl-Artikolu 12(1) għandha tinkludi dan li ġej:
 - (a) l-għan tas-sottomissjoni, li jista' jkun wieħed minn dawn li ġejjin:
 - ir-reġistrazzjoni ta' fornitur awtorizzat tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju li preċedentement ma kienx preżenti fil-lista msemmija fil-paragrafu 3;
 - bidla fl-informazzjoni sottomessa preċedentement dwar il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju li kurrentament huma preżenti fil-lista msemmija fil-paragrafu 3;
 - talba għat-tneħħija ta' fornitur tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju mil-lista msemmija fil-paragrafu 3;
 - (b) l-isem u, fejn applikabbli, l-isem kummerċjali tal-fornitur tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju;
 - (c) l-Istat Membru li l-fornitur tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandu l-post prinċipali tal-istabbiliment tiegħu fih;
 - (d) l-isem tal-korp superviżorju;
 - (e) indikazzjoni dwar jekk il-fornitur tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju huwiex fornitur ta' servizz fiduċjarju kwalifikat.

3. Abbażi tal-informazzjoni li tirċievi skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm lista ta' fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju fuq is-sit web tal-Kummissjoni, f'format li jinqara mill-magni. Malli tirċievi l-informazzjoni mill-korpi superviżorji skont l-Artikolu 11(4)(5)(6) bil-ħsieb li jiżdied fornitur mal-lista, il-Kummissjoni għandha tinkludi lill-fornitur fil-lista fi żmien jumejn tax-xogħol. Minbarra n-notifika skont l-Artikolu 13(5)(k), il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-inklużjoni tal-fornitur mhux konformi fil-lista fi żmien jumejn tax-xogħol.

Artikolu 13

Superviżjoni u penali

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti biex taġixxi bħala l-korp superviżorju għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu awtoritajiet ġodda jew jibbażaw fuq awtoritajiet eżistenti stabbiliti fit-territorju tagħhom jew jaħtru, bi ftehim reċiproku ma' Stat Membru ieħor, korp superviżorju stabbilit f'dak l-Istat Membru l-ieħor.
2. *imħassar*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi superviżorji msemmija fil-paragrafu 1 ikollhom is-setgħat meħtieġa u r-riżorsi adegwati biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv, effiċjenti u indipendenti.
4. Ir-rwol tal-korpi superviżorji msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun li jimmonitorjaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u jieħdu azzjoni, jekk ikun meħtieġ, fir-rigward tal-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju għajr l-entitajiet tal-Unjoni f'konformità mal-paragrafu (5);

5. Il-kompiti tal-korpi superviżorji msemmija fil-paragrafu 1 u r-rwol tagħhom skont il-paragrafu (4) għandhom jinkludu dan li ġej:
- (a) li jirrieżaminaw u jivvalutaw l-applikazzjonijiet sottomessi f'konformità mal-Artikolu 11;
 - (b) li jinvestigaw allegazzjonijiet sostanzjali, b'mod partikolari dawk magħmula mis-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju, li fornitur tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju jonqos milli jikkonforma ma' kwalunkwe wieħed mill-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament u li jieħdu azzjoni jekk tkun meħtieġa;
 - (c) li jivverifikaw l-eżistenza u l-applikazzjoni korretta tal-pjanijiet ta' terminazzjoni fejn fornitur tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju iwaqqaf l-attivitajiet tiegħu, inkluż kif l-informazzjoni tinżamm aċċessibbli;
 - (d) li jiżguraw li l-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju jirrimedjaw għal kwalunkwe nuqqas li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;
 - (e) li jimponu penali f'konformità mal-paragrafi 6 sa 9;
 - (f) li jinformat lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti maħtura jew stabbiliti skont l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Istati Membri kkonċernati bi kwalunkwe inċident sinifikanti li jsir jaf bih fit-twettiq tal-kompiti tiegħu u, fil-każ ta' inċident sinifikanti li jikkonċerna Stati Membri oħra, jinformat lill-punt uniku ta' kuntatt maħtur jew stabbilit skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Istat Membru kkonċernat u l-punti uniċi ta' kuntatt maħtura skont l-Artikolu 46c(1) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 fl-Istati Membri l-oħra kkonċernati, u jinformat lill-pubbliku jew jitolbu lill-fornitur tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju jagħmel dan meta l-korp superviżorju jiddetermina li l-iżvelar tal-ksur tas-sigurtà jew tat-telf tal-integrità jkun fl-interess pubbliku;
 - (g) li jikkooperaw mal-awtoritajiet superviżorji stabbiliti skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari, billi jinfurmahom, mingħajr dewmien żejjed, fejn ikun jidher li jkun nkisru r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali u dwar ksur ta' sigurtà li jidher li jikkostitwixxi ksur ta' data personali;

- (h) li jikkooperaw, kif xieraq, ma' korpi superviżorji nazzjonali oħrajn;
 - (i) li jistabbilixxu mekkaniżmu ta' lmenti li permezz tiegħu jistgħu jitressqu lmenti mill-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju f'konformità mal-Artikolu 11(7), u jiżguraw il-pubbliċità ċara tiegħu;
 - (j) *imħassar*
 - (k) li jinnotifikaw lill-Kummissjoni jekk il-korp superviżorju jiddetermina li fornitur tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju ma għadux jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jew li l-fornitur naqas milli jikkonforma mal-obbligi imposti minn dan ir-Regolament;
 - (l) li jikkooperaw mal-awtoritajiet superviżorji maħtura skont l-Artikolu 46b tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 mill-Istati Membri, b'mod partikolari, biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi stabbiliti barra mill-Unjoni jinħarġilhom sett wieħed biss ta' data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju u identifikatur uniku tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju wieħed biss.
6. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli li jippermettu lill-korp superviżorju msemmi fil-paragrafu 1 jimponi penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Dawk ir-regoli ma għandhomx jaffettwaw l-Artikolu 31 tad-Direttiva (UE) 2022/2555 u l-Artikolu 83 tar-Regolament (UE) 2016/679.
7. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, daħħal id-data 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-regoli stabbiliti mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 6 u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti għar-regoli. Il-Kummissjoni għandha taġġorna regolament u żżomm reġistru pubbliku faċilment aċċessibbli ta' dawk ir-regoli.

8. L-Istati Membri għandhom iqisu l-kriterji mhux eżawrjenti u indikattivi li ġejjin jekk jimponu penali f'konformità mal-paragrafu 6:
- (a) in-natura, il-gravità, l-iskala u d-dewmien tal-ksur;
 - (b) kwalunkwe azzjoni meħuda mill-parti li tkun wettqet il-ksur biex ittaffi jew tirrimedja l-ħsara kkawżata mill-ksur;
 - (c) kwalunkwe ksur preċedenti mill-parti li tkun wettqet il-ksur;
 - (d) il-benefiċċji finanzjarji miksuba jew it-telf evitat mill-parti li tkun wettqet il-ksur minħabba l-ksur, sakemm tali benefiċċji jew telf jistgħu jiġu stabbiliti b'mod affidabbli;
 - (e) kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti ieħor applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ;
 - (f) il-fatturat annwali totali tal-parti li tkun wettqet il-ksur fis-sena finanzjarja preċedenti fl-Unjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ksur ta' dan ir-Regolament imwettaq mill-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju jkun soġġett għal multi amministrattivi ta' massimu ta' 2 % tal-fatturat annwali dinji totali fis-sena finanzjarja preċedenti. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxi r-regoli dwar jekk u sa fejn jistgħu jiġu imposti multi amministrattivi fuq awtoritajiet jew korpi pubbliċi stabbiliti f'dak l-Istat Membru.

9. Meta s-sistema legali ta' Stat Membru ma tipprevedix li jiġu imposti multi amministrattivi mill-awtoritajiet amministrattivi, il-multi mibdija mill-korp superviżorju u imposti mill-qrati nazzjonali kompetenti, li jkollhom effett ekwivalenti għall-multi amministrattivi imposti mill-korpi superviżorji, għandhom jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 6. Fi kwalunkwe każ, il-multi imposti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Dak l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet li jadotta skont dan il-paragrafu sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, daħħal id-data 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u, mingħajr dewmien, dwar kwalunkwe liġi ta' emenda jew emenda sussegwenti li taffettwahom.

10. Meta fornitur tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għajr entitajiet tal-Unjoni ma jkunx sistematikament konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u ma tkunx ittiegħdet l-ebda miżura effettiva mill-korpi superviżorji, u tali ċirkostanzi jiġġustifikaw intervent immedjat biex jiġi ppreservat il-funzjonament xieraq tas-suq intern, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-konformità f'kooperazzjoni mal-korp superviżorju. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-fornitur dwar dan u l-fornitur għandu jikkoopera kif meħtieġ.
11. Abbażi tal-evalwazzjoni, filwaqt li jitqiesu n-natura u s-severità tan-nuqqas ta' konformità, kif ukoll l-impatt potenzjali tiegħu fuq is-suq intern u d-drittijiet tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju affettwati, il-Kummissjoni, permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-Istati Membri kkonċernati u lill-fornitur, tista' tissospendi temporanjament lill-fornitur mil-lista msemmija fl-Artikolu 12. Qabel ma tadotta d-deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri kkonċernati u lill-fornitur, u għandha tagħti lill-fornitur l-opportunità li jirrimedja n-nuqqas ta' konformità.
- 11a. Abbażi ta' din id-deċiżjoni, il-korp superviżorju kkonċernat għandu jieħu miżuri biex jiżgura li l-fornitur jikkonforma mar-Regolament u għandu jirrapporta lill-Kummissjoni fir-rigward ta' tali miżuri. Meta jintwera li l-azzjonijiet ta' rimedju huma effettivi, il-Kummissjoni għandha ttejjem is-sospensjoni tal-fornitur mil-lista fi żmien jumejn tax-xogħol minn meta tirċievi l-prova tal-konformità.
12. *imħassar*
13. *imħassar*

Artikolu 14

Grupp ta' Kooperazzjoni dwar l-Identità Diġitali Ewropea

Il-Grupp ta' Kooperazzjoni dwar l-Identità Diġitali Ewropea stabbilit skont l-Artikolu 46e tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 għandu jkun responsabbli biex jiffaċilita l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-Kartieri Ewropej tan-Negozju. Dan għandu jinkludi l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, id-diskussjoni ta' kwistjonijiet tekniċi u operazzjonali, u l-koordinazzjoni tal-isforzi biex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-funzjonament xierqa tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju.

Governanza u superviżjoni tal-entitajiet tal-Unjoni li huma fornituri ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju

1. Meta entità tal-Unjoni tkun fornitur ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju, din għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- 1a. Il-Kummissjoni għandha tkun il-korp superviżorju għall-entitajiet tal-Unjoni li ma jkunux istituzzjonijiet tal-Unjoni. Hija għandha taġixxi b'indipendenza sħiħa fit-tweqqif tal-kompiti tagħha f'konformità ma' dan ir-Regolament.
2. Ir-rwol tal-Kummissjoni bħala korp superviżorju f'konformità mal-paragrafu 1a għandu jkun li timmonitorja l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u tiegħu azzjoni, jekk ikun meħtieġ, fir-rigward tal-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, permezz ta' attivitajiet ta' superviżjoni ex post.
3. Meta taġixxi bħala korp superviżorju f'konformità mal-paragrafu 1a, il-Kummissjoni għandha twettaq il-kompiti msemmija fl-Artikolu 13(5), il-punti a, b, c, d, h.

Il-Kummissjoni għandha ttejjg rapport dwar l-attivitajiet ewlenin tagħha f'dan ir-rigward.

Kapitolu III – Aċċettazzjoni tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju

Artikolu 16

Obbligi tal-korpi tas-settur pubbliku

1. Il-korpi tas-settur pubbliku għandhom jiffaċilitaw lill-operaturi ekonomiċi jieħdu l-azzjonijiet li ġejjin billi jużaw il-funzjonalitajiet ewlenin tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju kif stipulat fl-Artikolu 5(1):

- (a) jidentifikaw u jawtentikaw
- (b) jiffirmaw jew jissiġillaw
- (c) jissottomettu dokumenti
- (d) jibagħtu jew jirċievu notifiki

L-azzjonijiet elenkati fil-punti (a) sa (d) tal-ewwel subparagrafu għandhom isiru biex jiġi sodisfatt obbligu ta' rapportar jew biex tiġi sodisfatta proċedura amministrattiva.

- 1a. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri organizzattivi u tekniċi xierqa li jippermettu l-użu tal-funzjonalitajiet ewlenin tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju.
- 2. *imħassar*
- 3. *imħassar*

Kapitolu IV - Aspetti internazzjonali

Artikolu 17

Kartieri tan-negozju u strumenti u oqfsa simili oħrajn offruti f'pajjiżi terzi

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu li s-soluzzjonijiet li joffru livell ekwivalenti ta' sigurtà u funzjonijiet simili għall-Kartieri Ewropej tan-Negozju li jinħarġu minn fornituri stabbiliti f'pajjiżi terzi għandhom jitqiesu bħala li joffru assigurazzjonijiet li huma ekwivalenti għall-Kartieri Ewropej tan-Negozju maħruġa f'konformità ma' dan ir-Regolament, dment li tali soluzzjonijiet ikunu interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 u jippermettu l-appoġġ ta' mill-inqas funzjonalità ta' identifikazzjoni u ta' awtentikazzjoni u l-iskambju tal-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19.
2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu li l-oqfsa ta' pajjiżi terzi għal sistemi li joffru livell ekwivalenti ta' sigurtà u funzjonijiet simili bħall-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jitqiesu bħala li joffru assigurazzjonijiet li huma ekwivalenti għall-Kartieri Ewropej tan-Negozju maħruġa f'konformità ma' dan ir-Regolament, dment li s-sistemi pprovduti taħt dak il-qafas ikunu interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 u jippermettu l-appoġġ ta' mill-inqas funzjonalità ta' identifikazzjoni u ta' awtentikazzjoni u l-iskambju tal-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19.
3. Qabel l-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tas-soluzzjoni, tas-sistema jew tal-qafas tal-pajjiżi terzi, filwaqt li tqis, mill-inqas, l-istandards tal-protezzjoni tad-data, il-konformità mar-rekwiżiti ta' ċibersigurtà u l-indipendenza tas-sistema tal-pajjiżi terzi u tal-fornituri tagħha mill-kontroll ta' gvernijiet b'riskju għoli. Tali valutazzjoni għandha tintuża biex jiġi ddeterminat jekk l-assigurazzjonijiet jistgħux jitqiesu bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament.

4. Fejn l-informazzjoni disponibbli tiżvela li dawk l-assigurazzjonijiet ma jistgħux jibqgħu jitqiesu bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrevoka, temenda jew tissospendi, sa fejn ikun meħtieġ, l-att imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 permezz ta' att ta' implimentazzjoni.
5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha lista ta' oqfsa, kartieri tan-negozju jew sistemi li joffru funzjonijiet simili li jinħarġu mill-fornituri stabbiliti f'pajjiżi terzi li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont dan l-Artikolu.

Artikolu 18

Forniment ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju lil operaturi ekonomiċi stabbiliti barra mill-Unjoni

1. Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jistgħu jipprovdu Kartieri Ewropej tan-Negozju lill-operaturi ekonomiċi stabbiliti f'pajjiżi terzi bil-kundizzjoni li tali operaturi ekonomiċi jkunu nħarġulhom data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju u identifikatur uniku f'konformità ma' dan l-Artikolu.
2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-operaturi ekonomiċi għandhom jitolbu sett wieħed biss ta' data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju minn fornitur wieħed ta' data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju.
3. Meta operatur ekonomiku stabbilit barra mill-Unjoni jitlob Kartiera Ewropea tan-Negozju mingħand fornitur ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju, dak il-fornitur għandu jinnotifika din it-talba lill-korp superviżorju tal-Istat Membru li fih ikun awtorizzat.
4. Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jitolbu data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju mingħand fornitur tad-data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju f'isem l-operatur ekonomiku stabbilit f'pajjiżi terzi.

5. Il-fornituri tad-data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju jistgħu joħorġu data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju u identifikaturi uniċi skont l-Artikoli 8 u 9 lil operaturi ekonomiċi stabbiliti barra mill-Unjoni, dment li:
 - (a) l-iċċekkjar u l-verifika tal-identità ta' dawk l-operaturi ekonomiċi u r-rappreżentant tagħhom li għandu s-setgħa li jwettaq il-proċess ta' onboarding jissodisfaw wieħed mill-metodi jew, fejn meħtieġ, kombinament ta' metodi għall-verifika tal-identità kif stipulati fl-Artikolu 24(1a) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
 - (b) l-operatur ekonomiku ma jkunx inħariġu sett ieħor ta' data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju.
6. Il-korpi superviżorji nazzjonali għandhom jikkooperaw biex jiżguraw li l-fornituri tad-data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju jkunu jistgħu jivverifikaw li operatur ekonomiku stabbilit barra mill-Unjoni tkun għadha ma nħariġitlux data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju. Il-korpi superviżorji nazzjonali jistgħu jagħmlu użu mid-Direttorju Diġitali Ewropew għal dak l-għan.
- 6a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi standards u speċifikazzjonijiet tekniċi għall-ħruġ tad-data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju, inkluż identifikaturi uniċi, lil operaturi ekonomiċi stabbiliti barra mill-Unjoni bħala parti mill-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 8(9) u 9(4).

Kapitolu V – Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 19

Proċedura ta' kumitat

Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 182/2011.

Emenda tar-Regolament (UE) Nru 910/2014

Fir-Regolament (UE) Nru 910/2014, l-Artikolu 5a huwa emendat kif ġej:

(1) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-fini li jiġi żgurat li l-persuni fiżiċi kollha fl-Unjoni jkollhom aċċess transfruntier sigur, affidabbli u mingħajr xkiel għas-servizzi pubbliċi u privati, filwaqt li jkollhom kontroll sħiħ fuq id-data tagħhom, kull Stat Membru għandu jipprovdi mill-inqas Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali waħda fi żmien 24 xahar mid-dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 23 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 5c(6)."

(2) fil-paragrafu 5, il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) jiżguraw li d-data ta' identifikazzjoni ta' persuna, li tkun disponibbli mill-iskema ta' identifikazzjoni elettronika li skontha tiġi fornuta l-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, tirrappreżenta unikament lill-persuna fiżika jew lill-persuna fiżika li tkun qed tirrappreżenta lill-persuna fiżika jew ġuridika, u tkun assoċjata ma' dik il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali;"

(3) fil-paragrafu 9, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) fil-każ tal-mewt tal-utent.";

(4) il-paragrafu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"15. L-użu tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għandu jkun fuq bażi volontarja. L-aċċess għas-servizzi pubbliċi u privati, l-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-libertà ta' intrapriża ma għandhom bl-ebda mod ikunu limitati jew ikunu żvantaġġużi għall-persuni fiżiċi li ma jużawx il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. Għandu jibqa' possibbli l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u privati b'mezzi ta' identifikazzjoni u ta' awtentikazzjoni eżistenti oħra."

Artikolu 21

Evalwazzjoni u rieżami

1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, daħħal id-data – 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jevalwa l-effettività tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-iffaċilitar tas-sottomissjoni ta' dokumenti elettroniċi u attestazzjonijiet elettroniċi lill-korpi tas-settur pubbliku, bl-użu tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, kif ukoll l-iżviluppi teknoloġiċi, tas-suq u legali inkluż, fejn disponibbli, informazzjoni dwar l-iffrankar tal-ħin u tal-kostijiet, kif ukoll l-adozzjoni mill-atturi ekonomiċi kollha, inkluż valutazzjoni speċifika tal-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Ir-rapport għandu jivvaluta wkoll jekk huwiex meħtieġ li jiġu mmodifikati l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew id-dispożizzjonijiet speċifiċi tiegħu biex jiġi stipulat obbligu li jintużaw il-Kartieri Ewropej tan-Negozju biex jiġu indirizzati r-riskji ta' frammentazzjoni legali.
2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi l-aspetti li ġejjin:
 - (a) il-funzjonalitajiet ewlenin minimi tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju;
 - (b) il-livell ta' konformità tal-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju u l-proċedura u l-kriterji ta' awtorizzazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 11;
 - (c) l-applikazzjoni u l-funzjonament tar-regoli dwar il-pieni stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 13;
 - (d) ir-rekwiżiti dettaljati u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja rreġistrat imsemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt i;

Mhux aktar tard minn sena qabel ma jkun dovut ir-rapport li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għall-preparazzjoni tar-rapporti.

Artikolu 22

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
 - 1a. L-Artikoli 5(5), 6(5), 7(6c), 8(7), 9(4), 10(6), 11(2c), 13, 19, 20 u 21 għandhom japplikaw minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ].
 - 1b. Il-Kapitolu I, II, III, IV u V, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 5(5), 6(5), 7(6c) 8(7), 9(4), 10(3b), 10(6), 11(2c), 13, 16, 19 u 20 għandhom japplikaw minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, daħħal id-data – sena wara d-data tal-applikazzjoni tal-aħħar att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikoli 5(5), 6(5), 7(6c), 8(7), 9(4), 10(6), 11(2c)].
 - 1c. L-Artikoli 10(3b) u 16 għandhom japplikaw minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, daħħal id-data – sentejn wara d-data tal-applikazzjoni tal-aħħar atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 5(5), 6(5), 7(6c), 8(7), 9(4), 10(6), 11(2c)].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

Rekwiżiti għall-funzjonalitajiet ewlenin u r-rekwiżiti tekniċi tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju**1. AWTENTIKAZZJONI TAL-UNITÀ TAL-KARTIERI EWROPEJ TAN-NEGOZJU**

L-aċċess għall-Unità tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju għandu jingħata biss wara li l-utent tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju jkun għe awtentikat b'suċċess permezz ta':

- (1) identifikazzjoni elettronika notifikata (eID) tfigħer f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, li tissodisfa mill-inqas ir-rekwiżiti għal livell sostanzjali ta' assigurazzjoni kif definit fl-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament u speċifikat aktar fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1502; jew
- (2) mekkaniżmu alternattiv ta' awtentikazzjoni rikonoxxut bħala ekwivalenti u li jissodisfa mill-inqas ir-rekwiżiti għal livell sostanzjali ta' assigurazzjoni kif definit fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 u speċifikat aktar fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1502.

Sakemm titlesta tali awtentikazzjoni, l-ebda funzjonalità tal-Unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju jew kwalunkwe funzjonalità oħra ma għandha ssir aċċessibbli għall-utent tal-**Kartiera Ewropea tan-Negożju.**

2. INTEGRITÀ TAL-UNITÀ TAL-KARTIERI EWROPEJ TAN-NEGOZJU

Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju għandhom, għal kull unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju, jiġġeneraw u jiffirmaw attestazzjoni tal-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 5. Iċ-ċertifikat użat biex tiġi ffirmata jew issiġillata l-attestazzjoni tal-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju għandu jinħareġ skont ċertifikat elenkat fil-lista ta' fiduċja msemmija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2980.

3. KOMUNIKAZZJONI SIGURA U MMANIĠĠJAR TAL-ASSI KRITIĊI TAL-KARTIERI EWROPEJ TAN-NEGOZJU

- (1) Il-back-end tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju għandu juża mill-inqas applikazzjoni kriptografika sigura tal-Kartiera waħda u apparat kriptografiku sigur tal-Kartiera għall-immaniġġjar tal-assi kritiċi.
- (2) Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jiżguraw l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni bejn il-back-end, il-front-end u l-applikazzjonijiet u l-apparati kriptografiċi siguri tal-Kartiera tan-Negozju.
- (3) *imħassar*

4. APPLIKAZZJONIJIET KRIPTOGRAFIĊI SIGURI TAL-KARTIERI

- (1) Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet u l-apparati kriptografiċi siguri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju:
 - (a) iwettqu l-operazzjonijiet kriptografiċi tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju li jinvolvu assi kritiċi għajr dawk meħtieġa għall-unità tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju biex tawtentika lis-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju biss meta dawk l-applikazzjonijiet ikunu awtentikaw b'suċċess lill-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju;
 - (b) *imħassar*
 - (c) ikunu kapaċi jiġġeneraw kjavijiet kriptografiċi ġodda b'mod sigur;
 - (d) ikunu kapaċi jwettqu tħassir sigur ta' assi kritiċi;
 - (e) ikunu kapaċi jiġġeneraw prova tal-pussess ta' kjavijiet privati;
 - (f) jipproteġu l-kjavijiet privati ġġenerati minn dawn l-applikazzjonijiet u l-apparati kriptografiċi siguri tal-Kartiera tul il-perjodu tal-eżistenza tal-kjavijiet;
 - (g) *imħassar*

5. AWTENTIĊITÀ U VALIDITÀ TAL-UNITÀ TAL-KARTIERA

- (1) Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju għandhom jiżguraw li l-attestazzjonijiet tal-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju msemmija fil-punt 1 ikun fihom kjavijiet pubbliċi u li l-kjavijiet privati korrispondenti jkunu protetti b'apparat kriptografiku sigur tal-Kartiera.
- (2) Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju għandhom jipprovdu mekkaniżmi, indipendentement mill-unitajiet tal-Kartieri, għall-identifikazzjoni u għall-awtentikazzjoni siguri tal-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju.

6. REVOKA TAL-ATTESTAZZJONIJIET TAL-UNITÀ TAL-KARTIERI

- (1) Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju għandhom jistabbilixxu politika disponibbli għall-pubbliku li tispjega l-kundizzjonijiet u l-perjodu taż-żmien għar-revoka tal-attestazzjonijiet tal-unità tal-Kartiera.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 6, meta l-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju jirrevokaw l-attestazzjonijiet tal-unità tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju, huma għandhom jinfurmaw lill-utenti tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju affettwati mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn 24 siegħa mir-revoka tal-unitajiet tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju tagħhom, inkluż ir-raġuni għar-revoka u l-konsegwenzi għall-utent tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju. Din l-informazzjoni għandha tingħata b'mod konċiż u faċilment aċċessibbli, u b'lingwaġġ ċar u sempliċi.
- (3) Meta l-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju jkunu rrevokaw attestazzjoni ta' unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju, dawn għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-istatus ta' validità tal-attestazzjoni tal-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negożju u jiddeskrivu l-post ta' dik l-informazzjoni fl-attestazzjoni ta' unità tal-Kartiera tan-Negożju.

7. REĠISTRI TAT-TRANŻAZZJONIJIET

- (1) Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju għandhom jipprovdu politika xierqa ta' reġistrazzjoni li għandha tinkludi, mill-inqas, l-iffirmar elettroniku, l-issiġillar elettroniku, u n-notifiki tat-tranżazzjonijiet kollha ma' partijiet dipendenti fuq il-Kartiera Ewropea tan-Negożju, unitajiet oħra tal-Kartieri Ewropej tan-Negożju, u unitajiet tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, irrispettivament minn jekk it-tranżazzjoni titlestix b'suċċess.

- (2) L-informazzjoni rreġistrata għandu jkun fiha mill-inqas:
 - (a) id-data u l-ħin tat-tranżazzjoni;
 - (b) l-isem, id-dettalji ta' kuntatt, u l-identifikatur uniku tal-parti dipendenti fuq Kartiera Ewropea tan-Negozju korrispondenti u l-Istat Membru li fih tkun stabbilita dik il-parti dipendenti fuq il-Kartiera Ewropea tan-Negozju, jekk disponibbli, jew fil-każ ta' unitajiet tal-Kartieri oħra, l-informazzjoni rilevanti mill-attestazzjoni tal-unità tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju;
 - (c) it-tip jew tipi tad-data mitluba u ppreżentata fit-tranżazzjoni;
 - (d) fil-każ ta' tranżazzjonijiet mhux kompluti, ir-raġuni għal dak in-nuqqas.
- (3) Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jiżguraw l-integrità, l-awtenticietà, id-disponibbiltà u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni rreġistrata.
- (4) Il-back-end tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju għandu jirreġistra r-rapporti mibgħuta mill-utent tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju lill-awtoritajiet kompetenti permezz tal-unità tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, inkluż l-interazzjonijiet relatati man-notifiki, il-konformità regolatorja, il-kondiviżjoni tad-data, jew it-talbiet tal-awditjar.
- (5) Ir-reġistri msemmija fis-subpunti 1 u 2 għandhom ikunu aċċessibbli għall-fornitur tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju, fejn ikun meħtieġ għall-forniment ta' servizzi tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju.
- (6) Ir-reġistri msemmija fis-subpunti 1 u 2 għandhom jibqgħu aċċessibbli sakemm ikun meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni jew id-dritt nazzjonali.

8. FIREM U SIĠILLI ELETTRONIĊI KWALIFIKATI

- (1) F'konformità mal-Artikolu 6, il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jiżguraw li l-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju jkunu jistgħu jirċievu ċertifikati kwalifikati għal firem jew siġilli elettroniċi kwalifikati li jkunu marbuta ma' apparati kwalifikati għall-ħolqien ta' firem jew siġilli li jkunu lokali, esterni, jew remoti fir-rigward tal-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju.

- (2) Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jiżguraw li s-soluzzjonijiet tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju jkunu jistgħu jinteraġixxu b'mod sigur ma' wieħed mit-tipi li ġejjin ta' apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem jew siġilli: apparati għall-ħolqien ta' firem jew siġilli kwalifikati lokali, esterni jew ġestiti mill-bogħod għall-finijiet tal-użu taċ-ċertifikati kwalifikati msemmija fis-subpunt 1.

9. APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-ĦOLQIEN TAL-FIREM

- (1) L-applikazzjonijiet għall-ħolqien ta' firem użati mill-unitajiet tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jistgħu jiġu pprovduti mill-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, mill-fornituri tas-servizzi fiduċjarji jew mill-partijiet dipendenti fuq il-Kartiera Ewropea tan-Negozju.
- (2) L-applikazzjonijiet għall-ħolqien ta' firem għandu jkollhom il-funzjonijiet li ġejjin:
- (a) l-iffirmar jew l-issiġillar tad-data pprovduta mill-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju;
 - (b) l-iffirmar jew l-issiġillar ta' data pprovduta minn partijiet dipendenti;
 - (c) il-ħolqien ta' firem jew siġilli f'konformità mill-inqas mal-format obbligatorju;
 - il-ħolqien ta' firem jew siġilli f'konformità mal-format fakultattiv;
 - l-għoti ta' informazzjoni lill-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju dwar ir-risultat tal-proċess tal-ħolqien ta' firem jew siġilli.

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 6 li jispeċifikaw l-istandards tekniċi msemmija fis-subpunt 2, l-ittri (c) u (c)(ii).

- (3) L-applikazzjonijiet għall-ħolqien ta' firem jistgħu jiġu integrati fil-back-end tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jew ikunu esterni għalihom. Meta l-applikazzjonijiet għall-ħolqien tal-firem ikunu jiddependu fuq apparat kwalifikat għall-ħolqien tal-firem mill-bogħod u meta jkunu integrati fil-back-end tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, dawn għandhom jappoġġaw l-interfaċċa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet stipulata fl-atti ta' implimentazzjoni, li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta f'konformità mal-Artikolu 5 sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

10. L-ESPORTAZZJONI, L-IMPORTAZZJONI U L-PORTABBILTÀ TAD-DATA

Il-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jappoġġaw l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-portabbiltà siguri tad-data tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju ta' sid f'mill-inqas format miftuħ, filwaqt li jiżguraw li l-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju jkunu ġew awtentikati b'suċċess skont il-punt 1 ta' dan l-Anness. Dan għandu jippermetti lis-sid jittrasferixxi d-data tiegħu lejn soluzzjoni oħra tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju.

11. MEZZ TA' KOMUNIKAZZJONI LEGALI SIGUR GĦALL-KARTIERA EWROPEA TAN-NEGOZJU

- (1) F'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, il-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jintegraw u jappoġġaw l-użu ta' servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja rreġistrat speċifiku f'konformità mal-Artikoli 43 u 44 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.
- (2) Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:
 - (a) tiddeżinja l-protokoll u tistabilixxi standards u speċifikazzjonijiet għal implimentazzjonijiet konformi tas-servizz elettroniku kwalifikat speċifiku ta' konsenja rreġistrat li għandu jservi bħala l-mezz ta' komunikazzjoni legali sigur obligatorju għall-Kartieri Ewropej tan-Negozju;
 - (b) tiddefinixxi r-rekwiżiti tekniċi u tal-interoperabbiltà minimi li tali servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja rreġistrat jrid jissodisfa, inkluż l-allinjament mal-istandards, l-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri ta' referenza stabbiliti skont l-Artikoli 43 u 44 tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;
 - (c) tiżgura li s-servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja rreġistrat magħżul ikun ibbażat fuq standards miftuħin, disponibbli għall-pubbliku u mingħajr royalties biex tiġi ggarantita l-interoperabbiltà u jiġi evitat l-intrappolament tal-klijentela;
 - (d) tiżgura li s-servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja rreġistrat magħżul jipprovdi kriptaġġ minn tarf sa tarf biex tiġi ggarantita l-kunfidenzjalità;
 - (e) tistabilixxi proċeduri għall-iżgurar ta' disponibbiltà kontinwa, ta' ridondanza u ta' mekkaniżmi ta' riżerva f'każ ta' falliment tas-servizz.

- (3) L-interoperabbiltà bejn il-Kartieri Ewropej tan-Negozju u s-servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja rreġistrat deżinjat għandha tkun obligatorja. Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jiżguraw l-integrazzjoni teknika f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fis-subpunt 2.

12. MEKKANIŻMU TA' KONTROLL TAL-AĊĊESS GĦALL-KARTIERI EWROPEJ TAN-NEGOZJU

- (1) Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni skont il-mekkaniżmu ta' kontroll tal-aċċess ikunu bbażati fuq wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin, kif xieraq għat-talba għal aċċess speċifika:
- (a) l-attestazzjoni elettronika tal-attributi tas-suġġett aġent;
 - (b) ir-rwol formali tas-suġġetti aġenti fi struttura organizzazzjonali jew operatur ekonomiku rikonoxxuti;
 - (c) il-kamp ta' applikazzjoni, il-validità u r-restrizzjonijiet ta' kwalunkwe mandat, delega, jew prokura;
 - (d) informazzjoni kurrentwali jew politiki u regoli adottati fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali għall-konformità speċifika għas-settur.
- (2) Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmu ta' kontroll tal-aċċess jippermetti riżultati tal-awtorizzazzjoni dettaljati u jistgħu jiġu awditjati, filwaqt li jiżguraw li:
- (a) il-viżibbiltà tal-kredenzjali u tal-attestazzjonijiet tkun selettiva u tiddependi fuq id-drittijiet ta' aċċess;
 - (b) l-aċċess għall-proċessi tan-negozju, għall-proċeduri diġitali jew għall-interfaċċi ta' sottomissjoni jkun ikkontrollat minn validazzjoni f'ħin reali tar-rwoli u tal-mandati;
 - (c) l-eventi kollha ta' aċċess u eżekuzzjoni jkunu rreġistrati, ikollhom kronogramma, u jkunu marbuta ma' provi ta' awtorizzazzjoni verifikabbli b'mod kriptografiku, xierqa għall-proċedimenti ta' awditjar u ġudizzjarji.

- (3) Il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jiżguraw li:
- (a) l-immappjar bejn ir-rwoli u l-attributi jkun verifikabbli, jista' jiġi awditjat, revokabbli u traċċabbli għall-emittenti leġittimi tagħhom;
 - (b) il-kunflitti bejn ir-rwoli, id-delega eċċessiva, jew l-awtorizzazzjonijiet skaduti jiġu identifikati u evitati awtomatikament f'ħin reali;
 - (c) il-loġika tal-awtorizzazzjoni kollha hija interoperabbli bejn il-Kartieri Ewropej tan-Negozju.
- (4) Il-lista tal-istandards ta' referenza, tal-ispeċifikazzjonijiet u proċeduri tekniċi li għandhom jiġu applikati għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kontroll tal-aċċess għandha tiġi ddefinita fl-atti ta' implimentazzjoni, li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta f'konformità mal-Artikolu 5 sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawn għandhom ikopru b'mod partikolari:
- (a) il-formati għar-rappreżentazzjoni tar-rwoli u tal-attributi;
 - (b) il-mekkaniżmi ta' interoperabbiltà għall-mandati u għad-delegazzjonijiet bejn il-kartieri;
 - (c) protokoll, lingwaġġ tal-politika u infurzar tar-restrizzjonijiet;
 - (d) ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni sigura, għall-kronogrammi u għall-awditjar tal-eventi ta' awtorizzazzjoni.
- (5) Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu fejn l-istandards, l-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri msemmija fis-subpunt 1 jiġu sodisfatti.

13. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-PROTOKOLLI U L-INTERFAĊĊI

F'konformità mal-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament, il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jiżguraw li l-unitajiet tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju:

- (1) jawtorizzaw talbiet u, fejn applikabbli, jawtentikaw daww magħmula permezz ta' ċertifikati ta' aċċess tal-parti dipendenti fuq il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jew attestazzjonijiet tal-unità tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali. L-awtentikazzjoni tal-parti dipendenti għandha tkun meħtieġa meta l-attestazzjonijiet ikunu maħsuba għal udjenza ristretta; fil-każijiet l-oħrajn kollha, l-attestazzjonijiet jistgħu jiġu ppreżentati minn kwalunkwe parti li titlobha;

- (2) juru lill-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju l-informazzjoni li tinsab fiċ-ċertifikati ta' aċċess tal-parti dipendenti fuq il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jew fl-attestazzjonijiet tal-unità tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali meta applikabbli;
- (3) juru lill-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju, fejn applikabbli, l-attributi li l-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju huma mitluba jippreżentaw;
- (4) jippreżentaw l-attestazzjonijiet tal-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju tal-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju lill-partijiet dipendenti fuq il-Kartiera Ewropea tan-Negozju jew l-unitajiet tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju li jitolbuha.

14. ĦRUĠ TA' ATTESTAZZJONIJIET ELETTRONIĊI TAL-ATTRIBUTI LILL-UNITAJIET TAL-KARTIERA EWROPEA TAN-NEGOZJU

- (1) F'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jiżguraw li l-unitajiet tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju li jitolbu l-ħruġ ta' attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi jkunu jistgħu jawtentikaw il-partijiet dipendenti.
- (2) Fir-rigward tal-ħruġ ta' attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi lil unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju, il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jiżguraw li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) meta s-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, permezz tal-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju tagħhom, jitolbu mingħand il-fornitur tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju l-ħruġ ta' data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jew tal-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi mill-fornituri tad-data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jew mill-fornituri tal-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi li jippermettu l-ħruġ ta' data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju jew attestazzjonijiet elettroniċi f'aktar minn format wieħed, l-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju għandha titlobha fil-formati kollha msemmija fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament li jistabilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kartieri Ewropej tan-Negozju fir-rigward tal-integrità u l-funzjonalitajiet ewlenin tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju;

- (b) meta s-sidien tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju jużaw l-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju tagħhom biex jinteraġixxu mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u mal-fornituri tal-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi, l-unitajiet tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju għandhom jippermettu l-awtentikazzjoni u l-validazzjoni tal-komponenti tal-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju billi jippreżentaw l-attestazzjonijiet tal-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju lil dawk l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-fornituri meta jitolbuhomlhom;
- (c) is-soluzzjonijiet tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju għandhom jappoġġaw mekkaniżmi li jippermettu lill-fornituri tad-Data tal-Identifikazzjoni tas-Sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju jivverifikaw il-ħruġ, il-konsenja u l-attivazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti ta' livell ta' assigurazzjoni għoli stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1502 (2.2);
- (d) l-unitajiet tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju għandhom jivverifikaw l-awtentiċità u l-validità tad-data tal-identifikazzjoni tas-sid tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju u l-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi.

15. PREŻENTAZZJONI TAL-ATTRIBUTI LILL-PARTIJET DIPENDENTI FUQ IL-KARTIERA EWROPEA TAN-NEGOZJU

F'konformità mal-punt (d) u (k) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 5, il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jiżguraw li:

- (1) is-soluzzjonijiet tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju jappoġġaw il-protokolli u l-interfaċċi għall-preżentazzjoni ta' attributi lil partijiet dipendenti fuq il-Kartiera Ewropea tan-Negozju f'konformità mal-istandards definiti fl-atti ta' implimentazzjoni;
- (2) Fuq talba tal-utenti tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju, l-unitajiet tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju jirrispondu b'suċċess għal talbiet awtentikati u vvalidati minn partijiet dipendenti fuq il-Kartiera Ewropea tan-Negozju f'konformità mal-istandards definiti fl-atti ta' implimentazzjoni;
- (3) L-unitajiet tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju jappoġġaw il-prova tal-pussess ta' kjavijiet privati li jikkorrispondu għal kjavijiet pubbliċi użati fl-irbit kriptografiku.

16. ĦRUĠ TA' DATA TAL-IDENTIFIKAZZJONI TAS-SID TAL-KARTIERA EWROPEA TAN-NEGOZJU LILL-UNITAJIET TAL-KARTIERA EWROPEA TAN-NEGOZJU

- (1) il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jiżguraw li d-data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri tan-Negozju maħruġa lill-unitajiet tal-Kartieri tan-Negozju tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.
- (2) il-fornituri tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju għandhom jiżguraw li d-data tal-identifikazzjoni tas-sidien tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju li joħorġu tkun marbuta kriptografikament mal-unità tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju li tinħareġ lilha.

17. ĦRUĠ TA' ATTESTAZZJONIJIET ELETRONIĊI TAL-ATTRIBUTI LILL-UNITAJIET TAL-KARTIERA EWROPEA TAN-NEGOZJU

- (1) L-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi maħruġa lill-unitajiet tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju għandhom jikkonformaw mill-inqas ma' wieħed mill-istandards fil-lista stipulata fl-atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.
- (2) Il-fornituri tal-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi għandhom jidentifikaw lilhom infushom mal-unitajiet tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju.
- (3) Il-fornituri tal-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi għandhom jiżguraw li l-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi maħruġa lill-unitajiet tal-Kartiera Ewropea tan-Negozju jkun fihom l-informazzjoni meħtieġa għall-awtentikazzjoni u għall-validazzjoni ta' dawk l-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi.
